IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, XXX
[…](2012) XXX draft

**ANNESS**

**tal-**

**Proposta għal**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar it-testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jħassar id-Direttiva 2009/40/KE**

**ANNESS**

**tal-**

**Proposta għal**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar it-testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jħassar id-Direttiva 2009/40/KE**

ANNESS I

**INFORMAZZJONI TEKNIKA LI GĦANDHA TKUN DISPONIBBLI MILL-MANIFATTUR**

# 1. TAGĦMIR TAL-IBBREJKJAR

## 1.1. IBBREJKJAR TA' SERVIZZ

- Deskrizzjoni ġenerali, inkluż ibbrejkar sekondarju / ta' emerġenza u possibbiltajiet li għandhom jiġu ttestjati fuq bank tat-test bir-romblu għall-brejkijiet standard
- Settjar tas-sistema
- Kontroll tal-brejk
- Valv ta' detezzjoni tat-tagħbija: elementi ta' pożizzjonament u tħaddim
- Forzi ta' referenza
- Tnabar
- Diski
- Firrodu u peddijiet tal-brejkijiet
- Ibbrejkjar pnewmatiku
- Ibbrejkjar idrawliku

## 1.2. BREJK TAL-PARKJAR

- Deskrizzjoni ġenerali
- Kontroll tal-brejk tal-parkjar
- Fus(ijiet) fejn japplika l-brejk tal-parkjar
- Brejk tal-parkjar imħaddem b'mod elettroniku

## 1.3. BREJKIJIET TA' REŻISTENZA

- Deskrizzjoni ġenerali
- Kontroll tal-brejk

## 1.4. SISTEMI ELETTRONIĊI TA' ĠESTJONI

- ABS
- BAS

- ESC
- EBS

### 1.5. BREJIKIJIET TAT-TREJLERS

- Agganċ għall-brejkijiet tat-trejliers deskrizzjoni ġenerali
- Deskrizzjoni tas-sistema ta' sikurezza

## 2. STERING

- Deskrizzjoni ġenerali tas-sistema
- Prinċipju ta' tħaddim
- Pożizzjoni tal-kaxxa tal-gerboks tal-istering
- Prinċipju ta' power stering
- Dijametru tar-rota tal-istering
- Kontroll elettroniku tas-sistema tal-istering
- Elementi elettroniċi addizzjonali

## 3. VIŻIBBILTÀ

### 3.1. ĦĠIEĠ

- Windxild
- Ħġieġ estern ieħor (għajr it-tamboċċ)
- Tamboċċ
- Ħġieġ intern
- Ħġieġ ta' ħruġ ta' emerġenza

### 3.2. MIRJA TA' VIŻJONI TA' WARA

- Għadd ta' apparati
- Kategoriji
- Pożizzjoni tal-apparati
- Marka tal-approvazzjoni

### 3.3. WAJPERS TAL-WINDSKRIN

- Għadd ta' apparati
- Tul tal-blejdijiet tal-wajpers

### 3.4. APPARAT TA' ĦASIL TAL-WINDSKRIN

- Għadd ta' apparati

### 3.5. SISTEMA TA' TNEĦĦIJA TAT-TITPIN

- Prinċipju ta' tħaddim

## 4. FANALI, RIFLETTURI U TAGĦMIR ELETTRIKU

### 4.1. FANALI TA' QUDDIEM

- Raġġ tas-sewqan (ir-raġġ għoli)

– Raġġ baxx

**4.2. DWAL TA' POŻIZZJONI TA’ QUDDIEM U TA’ WARA, DWAL LATERALI U DWAL LI JIMMARKAW IL-LINJA TA’ BARRA**

– Dwal ta' pożizzjoni ta’ quddiem

– Dwal ta' pożizzjoni ta’ wara

– Dwal laterali

– Dwal li jimmarkaw il-linja ta' barra ta' quddiem

– Dwali li jimmarkaw il-linja ta' barra ta' wara

**4.3. FANALI TA' WAQFIEN**

– Għadd ta' apparati

– Pożizzjoni tal-apparati

– Sors tad-dawl

– Marka tal-approvazzjoni

– Dwal tal-brejkijiet adattabbli

**4.4. INDIKATUR TAD-DIREZZJONI U DWAL TA’ TWISSIJA TA’ PERIKLU**

– Għadd ta' apparati

– Pożizzjoni tal-apparati

– Sors tad-dawl

– Marka tal-approvazzjoni

– Dawl indikattiv

– Prinċipju ta' attivazzjoni ta' dwal ta' twissija

**4.5. FANALI KONTRA Ċ-ĊPAR TA’ QUDDIEM U TA’ WARA**

– Fanali kontra ċ-ċpar ta' quddiem

– Fanali kontra ċ-ċpar ta’ wara

– Għadd ta' apparati

**4.6. FANALI TAR-RIVERSJAR**

– Għadd ta' apparati

– Pożizzjoni tal-apparati

– Sors tad-dawl

– Marka tal-approvazzjoni

**4.7. DAWL TAL-PJANĊA TAR-REĠISTRAZZJONI TA’ WARA**

– Għadd ta' apparati

– Pożizzjoni tal-apparati

– Sors tad-dawl

– Marka tal-approvazzjoni

### 4.8. Retrorifletturi, rifletturi tal-ġnub u pjanċi tal-immarkar ta' wara

– Retrorifletturi ta' quddiem

– Retrorifletturi ta' wara

– Retrorifletturi tal-ġnub

– Pjanċi tal-immarkar ta' wara

### 4.9. Konnessjonijiet tal-elettriku ma' vetturi tal-irmunkar u vetturi rmunkati

– Dijagramma tal-konnessjoni

– Standard ta' konnessjoni

### 4.10. Fanali mhux obbligatorji

– Lista ta' fanali mhux obbligatorji

– Pożizzjoni tal-apparati

– Marka tal-approvazzjoni

### 4.11. Batterija

– Għadd ta' apparati

– Vultaġġ (V)

– Kapaċità (Ah)

– Pożizzjoni tal-apparati

### 4.12. Sistemi ta' tidwil ġestiti elettronikament

– Deskrizzjoni ġenerali

## 5. FUSIJIET, ROTI, TAJERS U SOSPENSJONI

### 5.1. fusijiet

– Deskrizzjoni ġenerali

### 5.2. roti

– Dimensjoni

– Materjal

### 5.3. Tajers

– Għadd

– Arranġament

– Dimensjoni

– Kategorija tal-Ispid

– Indiċi tal-kapaċità tat-tagħbija

– Numru tal-istepni

– Dimensjoni tal-istepni

– Apparati ekwivalenti għall-istepni

### 5.4. SOSPENSJONI

– Deskrizzjoni ġenerali tas-sistema
– Molol
– Assorbituri tal-iskossi
– Vireg kontra l-irrolljar;
– Sospensjoni tal-arja
– Kontroll elettroniku tas-sospensjoni

## 6. XAŻI U AĊĊESSORJI TAX-XAŻI

### 6.1. XAŻI JEW AĊĊESORJI TAL-QAFAS

– Deskrizzjoni ġenerali

### 6.2. TANK TAL-FJUWIL U PAJPIJIET

– Għadd ta' tankijiet tal-fjuwil
– Deskrizzjoni ġenerali tat-tankijiet
– Data ta' skadenza tat-tank (jekk applikabbli)
– Arranġament
– Kapaċità
– Immarkar
– Mezzi ta' protezzjoni
– Deskrizzjoni ġenerali tal-pajipijiet tal-fjuwil

### 6.3. BAMPERS, APPARATI TA' PROTEZZJONI LATERALI U TAL-QIEGĦ FUQ WARA

– Protezzjoni tal-qiegħ ta' quddiem
– Protezzjoni laterali
– Apparat ta' protezzjoni tal-qiegħ ta' wara

### 6.4. SOSTENN TAL-ISTEPNI

– Pożizzjoni

### 6.5. MEKKANIŻMI TA' AGGANĊ U TAGĦMIR TAL-IRMUNKAR

– Mekkaniżmi ta' agganċ
– Tagħmir tal-irmunkar

### 6.6. TRAŻMISSJONI

– Deskrizzjoni ġenerali
– Tip ta' tibdil tal-ger
– Għadd ta' tibdiliet
– Differenzjali / differenzjali b'awtoimblukkar
– Għadd ta' fusijiet motorizzati
– Modi operattivi ta' trażmissjoni

– Klaċċ: deskrizzjoni ġenerali

– Ġestjoni elettronika tat-trażmissjoni

**6.7. IMMUNTAR TAL-MAGNA.**

– Deskrizzjoni ġenerali

**6.8. KABINA U KARROZZERIJA**

– Deskrizzjoni ġenerali

– Bibien

– Sits

– Turġien tal-kabina

– Fittings u tagħmir intern u estern oħra

– Madgards, apparati ta' trażżin tat-titjir

## 7. TAGĦMIR IEĦOR

**7.1. ĊINTURINI TA' SIKUREZZA**

– Kategorija ta' ċinturin tas-sikurezza għal kull sit

– Marka tal-approvazzjoni

– Pretensjonatur pirotekniku

**7.2. ERBEGS**

– Għadd u arranġament

– Immarkar

– Dawl indikattiv

– Diżattivatur tal-erbeg tal-passiġġier

**7.3. ESTINTUR TAN-NAR**

– Għadd u arranġament

– Kategoriji

**7.4. APPARAT KONTRA S-SERQ**

– Kontroll imblukkat mill-apparat

**7.5. RIFFIEDA TAR-ROTI (IFILSA)**

– Għadd u arranġament

**7.6. APPARAT TA' TWISSIJA LI TINSTEMA'**

– Għadd u pożizzjoni tal-apparat

– Marka tal-approvazzjoni

– Livell tal-ħoss (dB(A))

**7.7. SPIDOMETRU**

– Unitajiet (km/s jew mili/s)

– Spid massimu muri (km/s jew mili/s)

– Diviżjoni

**7.8. TAKOGRAFU**

– Marka u mudell

– Marka tal-approvazzjoni

– Numru tas-serje

– Pożizzjoni tas-siġilli

– Pożizzjoni tal-plakka tad-dejta

**7.9. REGOLATUR TAL-ISPID**

– Sett tal-ispid

– Marka u mudell

– Arranġamenti tal-konnetturi għall-ispezzjoni

– (rev/km jew impulsi/km)

– w (rev/km jew impulsi/km)

– Pożizzjoni tal-plakka tad-dejta

**7.10. ODOMETRU**

– Għadd ta' figuri

**8. FASTIDJU**

**8.1. STORBJU**

– Deskrizzjoni ġenerali tas-sistemi u apparati maħsuba biex inaqqsu l-istorbju prodott mill-vettura

– Livell tal-ħoss waqt li vettura tkun wieqfa (dB(A) @ min-1)

– Livell tal-ħoss waqt li vettura tkun qed tinsaq (dB(A))

– Għadd ta' saljensers mal-pajp tal-egżożt

– Pożizzjoni tas-saljensers mal-pajp tal-egżożt

– Immarkar tas-saljensers mal-pajp tal-egżożt

**8.2. EMISSJONIJIET TAL-MAGNA PETROL**

– CO (g/km jew g/kWh)

– CO waqt tħaddim ta' magna mhux ingranata (Vol %)

– CO waqt spid għoli mingħajr ingranaġġ (Vol % @ min-1)

– HC waqt spid għoli mingħajr ingranaġġ (Vol % @ min-1)

– Lambda waqt spid għoli mingħajr ingranaġġ (min-1)

– HC (g/km jew g/kWh)

– NOx (g/km jew g/kWh)

– HC + NOx (g/km)

– CO2 (g/km)

– Indikazzjoni tal-kategorija ambjentali tal-approvazzjoni tat-tip KE
– Tip u pożizzjoni tal-konnettur OBD
– Protokoll ta' komunikazzjoni tal-OBD
– Tagħmir ta' kontroll tal-emissjonijiet installat fil-vettura
– Pożizzjoni ta' tagħmir ta' kontroll tal-emissjonijiet installat fil-vettura
– Immarkar tal-konvertitur katalitiku:
– Għadd ta' sensuri lambda

**8.3. EMISSJONIJIET MINN MAGNI DIŻIL**

– CO (g/km jew g/kWh)
– HC (g/km jew g/kWh)
– NOx (g/km jew g/kWh)
– HC + NOx (g/km)
– CO2 (g/km)
– Partikoli għad-diżil (g/km or g/kWh)
– Koeffiċjent ta' assorbiment ikkoreġut għad-diżil (f'm-1) (opaċità)
– Indikazzjoni tal-kategorija ambjentali tal-approvazzjoni tat-tip KE
– Konnettur OBD
– Protokoll ta' komunikazzjoni tal-OBD
– Tagħmir ta' kontroll tal-emissjonijiet installat fil-vettura
– Pożizzjoni ta' tagħmir ta' kontroll tal-emissjonijiet installat fil-vettura
– Immarkar tal-konvertitur katalitiku:
– Immarkar tal-ilqugħ tal-partikoli

**8.4. TRAŻŻIN TAL-INTERFERENZA ELETTROMANJETIKA**

– Deskrizzjoni tal-karatteristiċi tal-wajers tal-ispark plaggs
– Immarkar tal-wajers tal-ispark plaggs.

ANNESS II

# REKWIŻITI MINIMI LI JIKKONĊERNAW IL-KONTENUTI U L-METODJI TAL-ITTESTJAR

## 1. ĠENERALI

Dan l-Anness jidentifika s-sistemi u l-komponenti tal-vettura li għandhom jiġu ttestjati; jiddeskrivi l-metodu ta' kif għandhom jiġu ttestjati u l-kriterji li għandhom jintużaw meta jiġi stabbilit jekk il-kundizzjoni tal-vettura hijiex aċċettabbli.

It-test irid ikopri tal-inqas l-elementi elenkati fil-punt 3 hawn taħt, bil-kundizzjoni li dawn ikunu relatati mat-tagħmir tal-vettura li tkun qiegħda tiġi ttestjata fl-Istat Membru kkonċernat.

It-testijiet għandhom jitwettqu billi jintużaw tekniki u tagħmir attwalment disponibbli mingħajr l-użu ta' għodod sabiex tiġi żarmata jew titneħħa xi parti tal-vettura.

L-elementi kollha elenkati għandhom jitqiesu bħala obbligatorji f'test perjodiku tal-vetturi, għajr dawk immarkati bl-indikazzjoni (X), li huma relatati mal-kundizzjoni tal-vettura u l-adegwatezza tagħha għall-użu fit-triq iżda li mhumiex ikkunsidrati bħala essenzjali f'test tal-affidabbiltà stradali.

Ir-"Raġunijiet għalfejn element ma jgħaddix mit-test" ma japplikawx f'każijiet fejn dawn jirreferu għal rekwiżiti li ma kinux preskritti fil-leġislazzjoni rilevanti dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fiż-żmien tal-ewwel reġistrazzjoni, l-ewwel dħul fis-servizz u r-rekwiżiti dwar ir-retrofitting.

Meta metodu ta' testjar ikun viżwali, dan ifisser illi minbarra milli jħares lejn l-elementi, l-ispettur għandu, jekk xieraq, jimmaniġġhom, jevalwa l-istorbju u juża kwalunkwe mezz ta' spezzjoni ieħor xieraq mingħajr l-użu ta' tagħmir.

## 2. AMBITU TAT-TEST

It-test għandu jkopri mill-inqas l-elementi li ġejjin:

0) Identifikazzjoni tal-vettura;

1) Tagħmir tal-brejkijiet;

2) Stering;

3) Viżibbiltà;

4) Tagħmir tat-tidwil u l-partijiet tas-sistema elettrika;

5) Fusijiet, roti, tajers, sospensjoni;

6) Xażi u aċċessorji tax-xażi;

7) Tagħmir ieħor;

8) Fastidju;

9) Testijiet supplimentari għal vetturi li jġorru l-passiġġieri M2 u M3

## 3. KONTENUTI U METODI TA' TESTJAR

It-test għandu jkopri mill-inqas l-elementi u juża l-istandards minimi u l-metodi elenkati fit-tabella li ġejja:

| Element | Metodu | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test |
|---|---|---|
| | | |
| **0. IDENTIFIKAZZJONI TAL-VETTURA** | | |
| 0.1. Pjanċi bin-numru tar-reġistrazzjoni (jekk meħtieġa mir-rekwiżiti)[1] | Spezzjoni viżwali | (a) Il-pjanċa/i bin-numru hija/huma neqsin jew mhumiex sikuri/huma mwaħħlin b'tali mod li hemm probabbiltà li jaqgħu.<br>(b) Skrizzjoni nieqsa jew ma tinqarax.<br>(c) Mhux skont id-dokumenti jew ir-rekords tal-vettura. |
| 0.2. In-numru tax-xażi/serjali ta' identifikazzjoni tal-vettura | Spezzjoni viżwali | (a) Nieqes jew ma jistax jinstab.<br>(b) Inkomplet, ma jinqarax.<br>(c) Mhux skont id-dokumenti jew ir-rekords tal-vettura. |
| **1. TAGĦMIR TAL-IBBREJKJAR** | | |
| 1.1. Kundizzjoni mekkanika u tħaddim | | |
| 1.1.1. Pern tal-pedala/liver bl-id tal-brejk ta' servizz | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar.<br>*Nota*: Vetturi b'sistemi tal-brejkijiet assistiti għandhom jiġu spezzjonati bil-magna mitfija. | (a) Pern issikat iżżejjed.<br>(b) Ittieklu jew laxki żżejjed. |
| 1.1.2. Kundizzjoni u kors tal-pedala/liver bl-id tal-apparat li jħaddem l-brejkijiet | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar.<br>*Nota*: Vetturi b'sistemi tal-brejkijiet assistiti għandhom jiġu spezzjonati bil-magna mitfija. | (a) Kors ta' riżerva żejjed jew insuffiċjenti.<br>(b) Kontroll tal-brejkijiet li ma jirrilaxxax kif suppost<br>(c) L-element kontra ż-żliq ta' fuq il-pedala tal-brejkijiet nieqes, laxk jew ittiekel bl-użu |
| 1.1.3. Pompa tal-vakwu jew kompressur u kompartimenti | Spezzjoni viżwali tal-komponenti fi pressjoni operattiva normali. Verifka tal-ħin meħtieġ sakemm il-vakwu jew il-pressjoni tal-arja jilħqu livell sikur ta' tħaddim u l-funzjonament tal-apparat ta' twissija, tal-valv ta' protezzjoni multiċirkwità u tal-valv għar-rilaxx tal-pressjoni. | (a) Il-pressjoni/vakwu huma insuffiċjenti biex jassistu, mill-inqas, żewġ applikazzjonijiet tal-brejkijiet wara li jkun ħadem l-apparat ta' twissija (jew il-gejġ juri qari ta' nuqqas ta' sikurezza).<br>(b) Ħin meħtieġ biex il-pressjoni tal-arja/vakwu jilħqu l-livell sikur ta' tħaddim ma jissodisfax ir-rekwiżiti[1].<br>(c) Valv ta' protezzjoni multiċirkwita jew il-valv għar-rilaxx tal-pressjoni ma jaħdmux<br>(d) Tnixxija tal-arja li tikkawża waqgħa notevoli fil-pressjoni jew tnixxijiet tal-arja li jinstemgħu.<br>(e) Probabbiltà li l-ħsara esterna taffettwa l-funzjonament tas-sistema tal-ibbrejkjar. |
| 1.1.4. Gejġ jew indikatur li juri twissija ta' pressjoni baxxa | Kontroll tal-funzjonament. | Gejġ jew indikatur difettuż jew jaħdem ħażin. |
| 1.1.5. Valv ta' kontroll tal-brejkijiet imħaddem manwalment | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar. | (a) Kontroll imxaqqaq, bil-ħsara jew mittiekel iżżejjed.<br>(b) Kontroll tal-valv jew il-valv stess |

| Element | Metodu | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test |
|---|---|---|
| | | |
| | | mhux sikur.<br>(c) Konnessjonijiet laxki jew tnixxijiet fis-sistema.<br>(d) Tħaddim mhux sodisfaċenti. |
| 1.1.6. Attivatur tal-brejk tal-ipparkjar, il-kontroll tal-liver, il-krikk tal-brejk tal-ipparkjar, il-brejk tal-ipparkjar elettroniku | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar. | (a) Il-krikk mhux jorbot sew.<br>(b) Il-pern tal-liver jew il-mekkaniżmu tal-krikk ittiekel iżżejjed.<br>(c) Ċaqliq eċċessiv tal-liver li jindika aġġustament inkorrett.<br>(d) L-attivatur nieqes, bil-ħsara jew ma jaħdimx.<br>(e) Funzjonament ħażin, l-indikatur ta' twissija juri malfunzjonament. |
| 1.1.7. Valvijiet tal-brejkijiet (valvijiet irregolati bis-sieq, unloaders, u regolaturi) | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar. | (a) Valv bil-ħsara jew tnixxija eċċessiva tal-arja.<br>(b) Skariku eċċessiv ta' żejt mill-kompressur.<br>(c) Valv jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin.<br>(d) Skariku jew tnixxija ta' fluwidu idrawliku. |
| 1.1.8. Agganċi għall-brejkijiet tat-trejlers (tal-elettriku u pnewmatiċi) | Skonnettja u kkonnettja mill-ġdid l-agganċi tas-sistema tal-ibbrejkjar bejn il-vettura li tirmonka u t-trejler. | (a) Difett fil-vit jew fil-valv awtosiġillanti.<br>(b) Vit jew valv jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin.<br>(c) Tnixxijiet eċċessivi.<br>(d) Ma jaħdmux sew. |
| 1.1.9. Akkumulatur jew tank tal-pressjoni | Spezzjoni viżwali. | (a) It-tank bil-ħsara, imsaddad jew inixxi.<br>(b) Apparat ta' skular ma jaħdimx.<br>(c) It-tank jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin. |
| 1.1.10. Unitajiet servo tal-brejk, iċ-ċilindru ewlieni (sistemi idrawliċi) | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar. | (a) L-unità servo difettuża jew mhux effettiva.<br>(b) Iċ-ċilindru ewlieni difettuż jew inixxi.<br>(c) Iċ-ċilindru ewlieni mhux imwaħħal sew.<br>(d) Fluwidu tal-brejk insuffiċjenti.<br>(e) It-tapp tat-tank taċ-ċilindru ewlieni nieqes.<br>(f) Dawl ta' twissija tal-fluwidu tal-brejk mixgħul jew difettuż<br>(g) L-apparat li jwissi dwar il-livell tal-fluwidu tal-brejk ma jaħdimx sew. |
| 1.1.11. Pajpijiet riġidi tal-brejkijiet | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar. | (a) Riskju imminenti li jċedu jew jinqasmu.<br>(b) Pajpijiet jew konnessjonijiet li jnixxu.<br>(c) Il-pajpijiet bil-ħsara jew imsadda żżejjed.<br>(d) Il-pajpijiet mhux f'posthom. |

| Element | Metodu | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test |
|---|---|---|
| | | |
| 1.1.12. Pajipijiet flessibbli tal-brejkijiet | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar. | (a) Riskju imminenti li jċedu jew jinqasmu.<br>(b) Pajipijiet flessibbli bil-ħsara, mittiekla, mibrumin jew qosra wisq.<br>(c) Pajpijiet flessibbli jew konnessjonijiet li jnixxu.<br>(d) Pajpijiet flessibbli minfuħin bil-pressjoni.<br>(e) Pajpijiet flessibbli porużi. |
| 1.1.13. Firrodu u peddijiet tal-brejkijiet | Spezzjoni viżwali. | (a) Il-firrodu jew il-pedd mittiekla wisq.<br>(b) Firrodu u peddijiet ikkontaminati (żejt, griż, eċċ.).<br>(c) Firrodu u peddijiet neqsin. |
| 1.1.14. Tanbur tal-brejkijiet, diski tal-brejkijiet | Spezzjoni viżwali. | (a) It-tanbur jew id-diska mittiekla żżejjed, mibruxin iżżejjed, imxaqqin, mhux imwaħħlin sew jew maqsumin.<br>(b) It-tanbur jew id-diska kkontaminati (żejt, griż, eċċ.).<br>(c) It-tanbur jew id-diska neqsin.<br>(d) Il-pjanċa mhix imwaħħla sew. |
| 1.1.15. Kejbils, vireg, livers u konnessjonijiet tal-brejkijiet | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar. | (a) Kejbil bil-ħsara jew mgħaqqad.<br>(b) Komponent mittiekel jew imsaddad iżżejjed.<br>(c) Kejbil, virga jew ġonta mhux imwaħħlin sew.<br>(d) Il-gwida tal-kejbil difettuża.<br>(e) Restrizzjoni għaċ-ċaqliq ħieles tas-sistema tal-ibbrejkjar.<br>(f) Ċaqliq mhux normali tal-livers/konnessjoni li jindika aġġustament ħażin jew li ttieklu żżejjed. |
| 1.1.16. Attwatur tal-brejkijiet (inkluż brejkijiet bil-molla jew ċilindri idrawliċi) | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar. | (a) L-attwatur imxaqqaq jew bil-ħsara.<br>(b) L-attwatur inixxi.<br>(c) L-attwatur jiċċaqlaq jew immuntat ħażin.<br>(d) L-attwatur imsaddad iżżejjed.<br>(e) Kors tal-pistun operattiv jew tal-mekkaniżmu tad-dijaframma eċċessiv jew insuffiċjenti .<br>(f) L-għatu ta' protezzjoni mit-trab nieqes u jew għandu wisq ħsara. |
| 1.1.17. Valv ta' detezzjoni tat-tagħbija | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar. | (a) Konnessjoni difettuża.<br>(b) Konnessjoni aġġustata ħażin.<br>(c) Valv iġġammjat jew ma jaħdimx.<br>(d) Valv nieqes.<br>(e) Pjanċa tad-dejta nieqsa. |

| Element | Metodu | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test |
|---|---|---|
| | | |
| | | (f) Id-dejta ma tinqarax jew mhix skont ir-rekwiżiti[(1)]. |
| 1.1.18. Indikaturi u mezzi għall-aġġustament tal-laxkezza | Spezzjoni viżwali. | (a) Il-mezz għall-aġġustament bil-ħsara, iġġammjat jew jiċċaqlaq b'mod anormali, ittiekel iżżejjed jew aġġustat ħażin.<br>(b) Il-mezz għall-aġġustament tal-laxkezza difettuż.<br>(c) Installati jew mibdula ħażin. |
| 1.1.19. Sistema ta' bbrekjar ta' reżistenza (meta mgħammra jew meħtieġa) | Spezzjoni viżwali. | (a) Konnetturi jew immuntar ħżiena.<br>(b) Is-sistema għandha difetti ċari jew nieqsa. |
| 1.1.20. Tħaddim awtomatiku tal-brejkijiet tat-trejler | Skonnettja l-agganċ tal-brejkijiet bejn il-vettura tal-irmunkar u t-trejler | Il-brejk tat-trejler ma japplikax awtomatikament meta jiġi skonnettjat l-agganċ. |
| 1.1.21. Sistema tal-ibbrejkjar kompleta | Spezzjoni viżwali | (a) Apparati oħra tas-sistema (eż., il-pompa tal-antifriża, id-diżidratur tal-arja, eċċ) bi ħsara esterna jew imsaddin iżżejjed tant li jaffettwaw ħażin lis-sistema tal-ibbrejkjar.<br>(b) Tnixxija ta' arja jew tal-antifriża.<br>(c) Kwalunkwe komponent li jiċċaqqlaq jew imwaħħal ħażin.<br>(d) Tiswija jew modifika ħażina ta' kwalunkwe komponent[1]. |
| 1.1.22. Konnessjonijiet li jintużaw għall-ittestjar (meta mgħammra jew meħtieġa) | Spezzjoni viżwali | (a) Neqsin.<br>(b) Bil-ħsara, ma jistgħux jintużaw jew inixxu. |
| 1.2. Prestazzjoni u effiċjenza tal-brejk ta' servizz | | |
| 1.2.1. Prestazzjoni | Waqt test fuq magna tal-ittestjar statiku tal-brejkijiet jew, jekk ma jkunx possibbli waqt test fit-triq applika l-brejkijiet b'mod gradwali sakemm tapplika l-ogħla sforz possibbli. | (a) Sforz ta' bbrejkjar inadegwat fuq rota waħda jew aktar.<br>(b) L-isforz ta' bbrejkjar minn kwalunkwe rota hija anqas minn 70% tal-ogħla sforz ta' bbrejkjar irreġistrat mir-rota l-oħra ta' fuq l-istess fus. Inkella, fil-każ tal-ittestjar fit-triq, il-vettura tiddevja żżejjed minn linja dritta.<br>(c) L-ebda varjazzjoni gradwali tal-isforz ta' bbrejkjar (qbid).<br>(d) Dewmien anormali fit-tħaddim tal-brejk ta' kwalunkwe rota.<br>(e) Il-forza tal-brejkijiet tvarja wisq fil-perjodu li fih ir-rota ddur dawra sħiħa. |
| 1.2.2. Effiċjenza | Ittestjar permezz ta' magna tal-ittestjar statiku tal-brejkijiet jew, jekk ma tistax tintuża waħda għal raġunijiet tekniċi, permezz ta' test fit-triq bl-użu ta' deċelerometru li jirrekordja biex jiġi stabbilit il-proporzjon ta' bbrejkjar li huwa relatat mal-massa | Ma tirriżultax, mill-inqas, iċ-ċifra minima kif ġej:-<br>Vetturi rreġistrati l-ewwel darba wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2010/48/UE: |

1 Tiswija jew modifika ħażina tfisser tiswija jew modifika li taffettwa ħażin is-sikurezza tal-vettura fit-triq jew li jkollha effett negattiv fuq l-ambjent.

| Element | Metodu | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test |
|---|---|---|
| | | |
| | awtorizzata massima, jew fil-każ tas-semitrejlers, mas-somma tat-tagħbijiet awtorizzati tal-fusijiet.<br>Il-vetturi jew trejler b'massa massima permissibbli ogħla minn 3500 kg iridu jiġu spezzjonati skont l-istandards mogħtija mill-ISO 21069 jew metodi ekwivalenti.<br>It-testijiet fit-triq iridu jsiru f'kundizzjonijiet xotti fuq triq ċatta u dritta. | – Kategorija N1: 50 %<br>– Kategorija M1: 58 %<br>– Kategorija M2 u M3: 50 %<br>– Kategorija N2 u N3: 50 %<br>– Kategorija O2, O3 u O4:<br>• għas-semitrejlers: 45%<br>• għat-trejlers draw-bar: 50%<br><br>Vetturi rreġistrati qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2010/48/UE:<br>Kategorija N1: 45%<br>Kategorija M1, M2 u M3: 50% [2]<br>Kategorija N2 u N3: 43% [3]<br>Kategorija O2, O3 u O4 40% [4]<br>Kategoriji oħrajn ,.<br>- Kategoriji L (iż-żewġ brejkijiet):<br>Kategorija L1e: 42 %<br>Kategorija L2e, L6e: 40 %<br>Kategorija L3e: 50 %<br>Kategorija L4e: 46 %<br>Kategorija L5e, L7e: 44 %<br>- Kategoriji L (brejk tar-roti ta' wara): il-kategoriji kollha: 25 % |
| 1.3. Prestazzjoni u effiċjenza tal-brejkijiet sekondarji (ta' emerġenza) (jekk milħuqa minn sistema separata) | | |
| 1.3.1. Prestazzjoni | Jekk is-sistema sekondarja tal-ibbrejkjar tkun separata mis-sistema tal-ibbrejkjar ta' servizz, uża l-metodu speċifikat f'1.2.1. | (a) Sforz ta' bbrejkjar inadegwat fuq rota waħda jew aktar.<br>(b) L-isforz ta' bbrejkjar minn kwalunkwe rota huwa anqas minn 70% tal-isforz massimu irreġistrat minn rota oħra li tkun fuq l-istess fus speċifikat. Jew fil-każ tal-ittestjar fit-triq, il-vettura tiddevja żżejjed minn linja dritta.<br>(c) L-ebda varjazzjoni gradwali tal-isforz ta' bbrejkjar (qbid). |
| 1.3.2. Effiċjenza | Jekk is-sistema sekondarja tal-ibbrejkjar tkun separata mis-sistema tal-ibbrejkjar ta' servizz, uża l-metodu speċifikat f'1.2.2. | L-isforz ta' bbrejkar huwa inqas minn 50 %[5] tal-prestazzjoni tal-brejk ta' servizz iddefinita fit-taqsima 1.2.2. fir-rigward tal-massa massima awtorizzata jew, fil-każ ta' semitrejlers, is-somma |

[2] 48% għal vetturi mhux mgħammra bl-ABS jew tip approvat qabel l-1 ta' Ottubru 1991.

[3] 45% għal vetturi rreġistrati wara l-1988 jew mid-data speċifikata fir-rekwiżiti liema waħda minnhom tkun l-iktar riċenti.

[4] 43% għal semitrejlers u trejlers draw-bar irreġistrati wara l-1988 jew mid-data speċifikata fir-rekwiżiti, skont liema waħda hija l-iktar riċenti.

[5] 2.2m/s$^2$ għal vetturi N1, N2 u N3.

| Element | Metodu | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test |
|---|---|---|
| | | |
| | | tat-tagħbijiet awtorizzati fuq il-fus.<br>(ħlief L1e u L3e) . |
| 1.4. Prestazzjoni u effiċjenza tal-brejk tal-ipparkjar | | |
| 1.4.1. Prestazzjoni | Applika l-brejk fuq magna tal-ittestjar statiku tal-brejkijiet u/jew waqt test fit-triq b'deċelerometru. | Il-brejk ma jaħdimx fuq naħa waħda jew fil-każ ta' ttestjar fit-triq, il-vettura tiddevja żżejjed minn linja dritta. |
| 1.4.2. Effiċjenza | Test fuq magna tal-ittestjar statiku tal-brejkijiet jew test fit-triq bl-użu ta' deċelometru li jindika jew jirrekordja jew bil-vettura f'niżla ta' gradjent magħruf. Jekk ikun possibbli, il-vetturi għall-ġarr tal-merkanzija għandhom jiġu ttestjati mgħobbija. | Għall-kategoriji kollha ta' vetturi, ma jirriżultax mill-inqas proporzjon tal-brejkijiet ta' 16% fir-rigward tal-massa massima awtorizzata, jew, għal vetturi bil-mutur, ta' 12% fir-rigward tal-massa massima awtorizzata tal-kombinazzjoni tal-vettura, skont liema tkun l-ikbar<br>(ħlief L1e u L3e) . |
| 1.5. Prestazzjoni tas-sistema ta' bbrejkjar ta' reżistenza | Spezzjoni viżwali u, fejn ikun possibbli, ittestja jekk is-sistema taħdimx. | (a) L-effiċjenza ma tvarjax b'mod gradwali (mhux applikabbli għal sistemi tal-ibbrejkjar bl-egżost).<br>(b) Is-sistema ma taħdimx. |
| 1.6. Sistema ta' brejkijiet antilokk (ABS) | Spezzjoni viżwali u spezzjoni tal-apparat ta' twissija. | (a) L-apparat ta' twissija ma jaħdimx sew.<br>(b) L-apparat ta' twissija juri funzjonament ħażin fis-sistema.<br>(c) Is-sensers tal-ispid tar-roti neqsin jew bil-ħsara.<br>(d) Ħsara fis-sistema tal-wajering.<br>(e) Komponenti oħra neqsin jew bil-ħsara. |
| 1.7 Sistema ta' brejkijiet elettroniċi (EBS) | Spezzjoni viżwali tal-apparat ta' twissija. | (a) L-apparat ta' twissija ma jaħdimx sew.<br>(b) L-apparat ta' twissija juri funzjonament ħażin fis-sistema. |
| 1.8 Fluwidu tal-brejk | Kejl tat-temperatura ta' likwidu jbaqbaq jew tal-kontenut tal-ilma | (a) Temperatura tal-fluwidu tal-brejk ibaqbaq baxxa wisq jew kontenut tal-ilma għoli wisq<br>(b) Fluwidu tal-brejk kontaminat<br>(c) Fluwidu tal-brejk insuffiċjenti. |
| **2. STERING** | | |
| 2.1. Kundizzjoni mekkanika | | |
| 2.1.1. Kundizzjoni tal-ger tal-istering | Bil-vettura fuq fossa jew fuq parank u bir-roti tat-triq maqtugħin mill-art jew fuq uċuh jduru, dawwar ir-rota tal-istering minn massimu ta' naħa sal-massimu tan-naħa l-oħra. Spezzjoni viżwali tal-ħidma tal-ger tal-istering. | (a) Guffaġni fil-funzjonament tal-apparat.<br>(b) Ix-xaft tas-settur mgħawweġ jew bis-snin mikula.<br>(c) Ix-xaft tas-settur ittiekel iżżejjed.<br>(d) Ċaqliq eċċessiv tax-xaft tas-settur.<br>(e) Tnixxija. |
| 2.1.2. Tqabbid tal-kaxxa tal-gerboks tal-istering | Bil-vettura fuq fossa jew fuq parank u l-piż tar-roti tat-triq tal-vettura fuq l-art, dawwar ir-rota/it-tmun tal-istering favur l-arloġġ u kontra l-arloġġ jew billi | (a) Il-kaxxa tal-gerboks tal-istering mhux imqabbda sew. |

| Element | Metodu | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test |
|---|---|---|
| | | |
| | tuża detettur adattat apposta għal-laxkezza tar-rota. Spezzjoni viżwali tat-tqabbid tal-kaxxa tal-gerboks max-xażi. | (b) Toqob ta' tqabbid fix-xażi mtawlin.<br>(c) Boltijiet tat-tqabbid neqsin jew miksura.<br>(d) Il-kaxxa tal-gerboks tal-istering miksura. |
| 2.1.3. Kundizzjoni tal-konnessjoni tal-istering | Bil-vettura fuq fossa jew fuq parank u bir-rota tat-triq fuq l-art, dawwar ir-rota tal-istering favur l-arloġġ u kontra l-arloġġ jew billi tuża detettur adattat apposta għal-laxkezza tar-rota. Spezzjoni viżwali tal-komponenti tal-istering għal użu eċċessiv, ksur u sikurezza. | (a) Ċaqliq relattiv bejn komponenti li għandhom ikunu fissi.<br>(b) Il-ġonot ittieklu żżejjed.<br>(c) Ksur jew deformazzjoni ta' xi komponent.<br>(d) Nuqqas ta' apparati li jorbtu.<br>(e) Allinjament ħażin tal-komponenti (eż. it-track rod jew id-drag link).<br>(f) Tiswija jew modifika ħżina.<br>(g) L-għatu kontra t-trab nieqes, bil-ħsara jew iddeterjora ħafna. |
| 2.1.4. Tħaddim tal-konnessjoni tal-istering | Bil-vettura fuq fossa jew fuq parank u bir-roti tat-triq fl-art u bil-magna taħdem (power stering), dawwar ir-rota tal-istering minn massimu ta' naħa sal-massimu tan-oħra. Spezzjoni viżwali taċ-ċaqliq tal-konnessjonijiet. | (a) Konnessjonijiet jiċċaqalqu tal-istering li jaħbtu ma' xi parti fissa tax-xażi.<br>(b) Limitaturi tal-istering li ma jaħdmux jew li huma nieqsa. |
| 2.1.5. Power stering | Iċċekkja s-sistema tal-istering għal tnixxijiet u l-livell tal-fluwidu idrawliku (jekk jidher). Bir-roti tat-triq mal-art u bil-magna taħdem, iċċekkja li s-sistema tal-power stering qiegħda taħdem. | (a) Tnixxija ta' fluwidu.<br>(b) Fluwidu insuffiċjenti.<br>(c) Il-mekkaniżmu ma jaħdimx.<br>(d) Il-mekkaniżmu miksur jew mhux marbut sewwa.<br>(e) Komponenti allinjati ħażin jew jaħbtu ma' xulxin.<br>(f) Tiswija jew modifika ħażina.<br>(g) Kejbils/pajpijiet bil-ħsara, imsadda żżejjed. |
| 2.2. Stering, kolonna u tmun tal-istering | | |
| 2.2.1. Kundizzjoni tar-rota/tat-tmun tal-istering | Bir-roti tat-triq mal-art, dawwar l-istering minn naħa għall-oħra f'angoli ta' disgħin grad mal-kolonna u applika pressjoni ħafifa 'l isfel u 'l fuq. Spezzjoni viżwali tal-laxkezza. | (a) Ċaqliq relattiv bejn l-istering u l-kolonna li jindika laxkezza.<br>(b) Nuqqas ta' apparat li jżomm fuq il-buttun tal-istering.<br>(c) Ksur jew laxkezza fil-buttun tal-istering, ir-rimm jew l-imgħażel. |
| 2.2.2. Kolonna/yokes u l-frieket tal-istering | Bil-vettura fuq fossa jew fuq parank u bil-piż tal-vettura mal-art, imbotta u iġbed l-istering f'linja mal-kolonna, imbotta r-rotta/it-tmun tal-istering f'diversi direzzjonijiet f'angoli retti mal-kolonna/frieket. Spezzjoni viżwali tal-laxkezza, u tal-kundizzjoni tal-agganċi flessibli jew tal-ġonot universali. | (a) Ċaqliq eċċessiv taċ-ċentru tal-istering 'il fuq u 'l isfel.<br>(b) Ċaqliq eċċessiv tal-parti ta' fuq tal-kolonna b'mod radjali mill-assi tal-kolonna.<br>(c) Agganċ flessibbli deterjorat.<br>(d) It-twaħħil difettuż.<br>(e) Tiswija jew modifika ħażina. |

| Element | Metodu | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test |
|---|---|---|
| | | |
| 2.3. Laxkezza tal-istering | Bil-vettura fuq fossa jew fuq parank, il-piż tal-vettura fuq ir-roti tat-triq, il-magna taħdem għal vetturi b'power stering u bir-roti tat-triq fil-pożizzjoni dritta, dawwar bil-mod l-istering favur l-arloġġ u kontra l-arloġġ kemm jista' jkun mingħajr ma ċċaqlaq ir-roti tat-triq. Spezzjoni viżwali taċ-ċaqliq ħieles. | Laxkezza eċċessiva fl-istering (pereżempju ċaqliq ta' punt fuq ir-rimm li huwa aktar minn għoxrin fil-mija tad-dijametru tal-istering jew mhux skont ir-rekwiżiti[(1)] |
| 2.4. L-allinjament tar-roti (X)[(2)]. | Iċċekkja b'tagħmir xieraq l-allinjament tar-roti kkwartjati . | L-allinjament mhuwiex skont id-dejta pprovduta mill-manifattur tal-vettura jew ir-rekwiżiti[(1)]. |
| 2.5. Wċċ tond idur tal-fus ikkwartjat tat-trejler | Spezzjoni viżwali jew billi tuża detettur adattat apposta għal-laxkezza tar-roti. | (a) Komponent bil-ħsara jew imxaqqaq.<br>(b) Laxkezza eċċessiva.<br>(c) Twaħħil difettuż. |
| 2.6. Power Stering Elettroniku (EPS) | Spezzjoni viżwali u kontroll tal-konsistenza bejn l-angolu tal-istering u l-angolu tar-roti meta tinxtegħel/tintefa' l-magna . | (a) Id-dawl li jindika funzjonament ħażin (MIL) tal-EPS jindika xi tip ta' falliment tas-sistema.<br>(b) Inkonsistenza bejn l-angolu tal-istering u l-angolu tar-roti.<br>(c) l-assistenza ma taħdimx. |
| **3. VIŻIBBILTÀ** | | |
| 3.1. Kamp viżiv | Spezzjoni viżwali mis-sit tas-sewwieq. | Ostruzzjoni fil-kamp viżiv tas-sewwieq li taffettwa materjalment il-veduta tiegħu fuq quddiem u lejn il-ġnub. |
| 3.2. Kundizzjoni tal-ħġieġ | Spezzjoni viżwali. | (a) Ħġieġ jew panil trasparenti (jekk permess) imxaqqaq jew li tilef il-lewn.<br>(b) Ħġieġ jew panil trasparenti (fosthom rita li tirrifletti jew mlewna) li ma jikkonformax mal-ispeċifikazzjonijiet fir-rekwiżiti[(1)] (XX)[(3)],<br>(c) Ħġieġ jew panil trasparenti f'kundizzjoni mhux aċċettabbli. |
| 3.3. Mirja jew apparati li juru wara | Spezzjoni viżwali. | (a) Il-mera jew l-apparat huwa nieqes jew mhux imwaħħal skont ir-rekwiżiti[(1)].<br>(b) Il-mera jew l-apparat ma jaħdimx, bil-ħsara, laxk jew mhux imwaħħal sew |
| 3.4. wajpers tal-windskrin | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Il-wajpers ma jaħdmux jew neqsin.<br>(b) Il-blejd tal-wajper huwa nieqes jew jidher ċar li difettuż. |
| 3.5. Tagħmir ta' ħasil tal-windskrin | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | It-tagħmir li jaħsel il-windskrin ma jaħdimx sew. |
| 3.6 Sistema ta' tneħħija tat-titpin (X)[(2)] | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | Is-sistema ma taħdimx jew huwa ċar li hija difettuża. |

| Element | Metodu | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test |
|---|---|---|
| | | |
| **4. FANALI, RIFLETTURI U TAGĦMIR ELETTRIKU** | | |
| 4.1. Fanali ta' quddiem | | |
| 4.1.1. Kundizzjoni u tħaddim | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Dawl/sors ta' dawl difettuż jew nieqes.<br>(b) Sistema ta' projezzjoni difettuża jew nieqsa (riflettur u lenti).<br>(c) Il-fanal mhux imqabbad sew. |
| 4.1.2. Allinjament | Stabbilixxi l-mira orizzontali ta' kull fanal ta' quddiem fuq dawl baxx billi tuża strument jew skrin biex timmira l-fanal ta' quddiem. | Il-mira ta' fanal ta' quddiem mhix fil-limiti stipulati fir-rekwiżiti[(1)].. |
| 4.1.3. Attivazzjoni | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti[(1)] (Għadd ta' fanali jixegħlu fl-istess ħin)<br>(b) Funzjoni tal-apparat ta' kontroll bil-ħsara. |
| 4.1.4. Konformità mar-rekwiżiti[(1)] | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Il-fanal, il-kulur emess, il-pożizzjoni jew l-intensità mhumiex skont ir-rekwiżiti[(1)].<br>(b) Prodotti fuq il-lenti jew fuq is-sors tad-dawl li jidher ċar li jnaqqsu l-intensità tad-dawl jew ibiddlu l-kulur emess<br>(c) Is-sors tad-dawl u l-fanal mhumiex kompatibbli. |
| 4.1.5. Apparati ta' livellar (fejn obbligatorju) | Spezzjoni viżwali u, jekk possibbli, billi tħaddimhom. | (a) L-apparat ma jaħdimx.<br>(b) L-apparat manwali ma jistax jitħaddem mis-sit tax-xufier. |
| 4.1.6. Apparat li jnaddaf il-fanali ta' quddiem (fejn obbligatorju) | Spezzjoni viżwali u jekk possibbli, bi tħaddim. | L-apparat ma jaħdimx. |
| 4.2. Dwal ta' pożizzjoni ta' quddiem u ta' wara, dwal laterali u dwal li jimmarkaw il-linja ta' barra | | |
| 4.2.1. Kundizzjoni u tħaddim | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Is-sors tad-dawl difettuż.<br>(b) Il-lenti difettuża.<br>(c) Il-fanal mhux imqabbad sew. |
| 4.2.2. Attivazzjoni | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti[(1)].<br>(b) Funzjoni tal-apparat ta' kontroll bil-ħsara. |
| 4.2.3. Konformità mar-rekwiżiti[(1)] | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Il-mezz ta' tidwil, il-kulur emess, il-pożizzjoni jew l-intensità mhumiex skont ir-rekwiżiti[(1)].<br>(b) Prodotti fuq il-lenti jew fuq is-sors tad-dawl li jnaqqsu l-intensità tad- |

| Element | Metodu | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test |
|---|---|---|
| | | |
| | | dawl jew ibiddlu l-kulur li joħroġ. |
| 4.3. Fanali ta' waqfien | | |
| 4.3.1. Kundizzjoni u tħaddim | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Is-sors tad-dawl difettuż.<br>(b) Il-lenti difettuża.<br>(c) Il-fanal mhux imqabbad sew. |
| 4.3.2. Attivazzjoni | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti(1).<br>(b) Funzjoni tal-apparat ta’ kontroll bil-ħsara. |
| 4.3.3. konformità mar-rekwiżiti(1) | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | Il-fanal, il-kulur emess, il-pożizzjoni jew l-intensità mhumiex skont ir-rekwiżiti(1). |
| 4.4. Indikatur tad-direzzjoni u dawll ta’ twissija ta’ periklu | | |
| 4.4.1. Kundizzjoni u tħaddim | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Is-sors tad-dawl difettuż.<br>(b) Il-lenti difettuża.<br>(c) Il-mezz ta' tidwil mhuwiex imqabbad sew. |
| 4.4.2. Attivazzjoni | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti(1). |
| 4.4.3. Konformità mar-rekwiżiti(1) | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | Il-fanal, il-kulur emess, il-pożizzjoni jew l-intensità mhumiex skont ir-rekwiżiti(1). |
| 4.4.4. Frekwenza tat-teptip | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | Ir-rata ta' teptip mhix skont ir-rekwiżiti(1). |
| 4.5. Fanali kontra ċ-ċpar ta’ quddiem u ta’ wara | | |
| 4.5.1. Kundizzjoni u tħaddim | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Is-sors tad-dawl difettuż.<br>(b) Il-lenti difettuża.<br>(c) Il-fanal mhux imqabbad sew. |
| 4.5.2 Allinjament (X)(2) | billi tħaddimhom u billi tuża apparat għall-immirar tal-fanali ta’ quddiem. | Il-fanal kontra ċ-ċpar ta’ quddiem jinsab barra l-allinjament orizzontali meta fid-disinn tad-dawl ikun hemm linja ta’ qtugħ. |
| 4.5.3. Attivazzjoni | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti(1). |
| 4.5.4. Konformità mar-rekwiżiti(1) | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Il-fanal, il-kulur emess, il-pożizzjoni jew l-intensità mhumiex skont ir-rekwiżiti(1).<br>(b) Is-sistema ma taħdimx skont ir-rekwiżiti(1). |
| 4.6. Fanali tar-riversjar | | |
| 4.6.1. Kundizzjoni u tħaddim | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Is-sors tad-dawl difettuż.<br>(b) Il-lenti difettuża.<br>(c) Il-fanal mhux imqabbad sew. |

| Element | Metodu | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test |
|---|---|---|
| | | |
| 4.6.2. Konformità mar-rekwiżiti[(1)] | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Il-fanal, il-kulur emess, il-pożizzjoni jew l-intensità mhumiex skont ir-rekwiżiti[(1)].<br>(b) Is-sistema ma taħdimx skont ir-rekwiżiti[(1)]. |
| 4.6.3. Attivazzjoni | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti[(1)]. |
| 4.7. Dawl tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara | | |
| 4.7.1. Kundizzjoni u tħaddim | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Il-mezz ta' tidwil jixħet dawl dirett lura.<br>(b) Is-sors tad-dawl difettuż.<br>(c) Il-mezz ta' tidwil mhux imqabbad sew. |
| 4.7.2. Konformità mar-rekwiżiti[(1)] | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | Is-sistema ma taħdimx skont ir-rekwiżiti[(1)]. |
| 4.8. Retroriflетturi, immarkar tal-konspikwità (retroriflessjoni) u pjanċi li jimmarkaw wara | | |
| 4.8.1. Kundizzjoni | Spezzjoni viżwali. | (a) It-tagħmir li jirrifletti huwa difettuż jew bil-ħsara.<br>(b) Ir-riflettur mhux imqabbad sew. |
| 4.8.2. Konformità mar-rekwiżiti[(1)] | Spezzjoni viżwali. | L-apparat, il-kulur rifless jew il-pożizzjoni mhumiex skont ir-rekwiżiti[(1)]. |
| 4.9. Indikaturi obbligatorji għat-tagħmir tad-dawl | | |
| 4.9.1. Kundizzjoni u tħaddim | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | Ma jaħdmux. |
| 4.9.2. Konformità mar-rekwiżiti[(1)] | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | Mhux skont ir-rekwiżiti.[(1)]. |
| 4.10. Konnessjonijiet elettriċi bejn il-vettura tal-irmonk u t-trejler jew is-semitrejler | Spezzjoni viżwali: jekk ikun possibbli, eżamina l-kontinwità elettrika tal-konnessjoni. | (a) Il-komponenti fissi mhumiex imqabbda sew.<br>(b) Insulazzjoni bil-ħsara jew deterjorata.<br>(c) Il-konnessjonijiet elettriċi tat-tejler jew tal-vettura tal-irmonk ma jaħdmux sew. |
| 4.11. Wajering elettriku | Spezzjoni viżwali tal-vettura fuq fossa jew fuq parank, inkluż ġewwa l-kompartiment tal-magna f'xi każijiet. | (a) Il-wajering mhux sikur jew mhux marbut sew.<br>(b) Il-wajering iddeterjora.<br>(c) Insulazzjoni bil-ħsara jew iddeterjorata. |
| 4.12. Fanali u retroriflетturi mhux obbligatorji (X)[(2)] | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Fanal/retroriflettur mhux imwaħħal skont ir-rekwiżiti[(1)].<br>(b) Tħaddim tal-fanal mhux skont ir- |

| Element | Metodu | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test |
|---|---|---|
| | | rekwiżiti[1]. |
| | | (c) Fanal/retrorifletttur mhux imwaħħal sew. |
| 4.13. Batterija/i | Spezzjoni viżwali. | (a) Mhux sikura.<br>(b) Tnixxi.<br>(c) Swiċċ difettuż (jekk meħtieġ).<br>(d) Fjusijiet difettużi (jekk meħtieġa).<br>(e) Ventilazzjoni inadegwata (jekk meħtieġa). |
| **5. FUSIJIET, ROTI, TAJERS U SOSPENSJONI** | | |
| 5.1. Fusijiet | | |
| 5.1.1. Fusijiet | Spezzjoni viżwali bil-vettura fuq fossa jew fuq parank. Jistgħu jintużaw detetturi tal-laxkezza tar-roti u huma rrakkomandati għal vetturi b'piż gross tal-vettura (GVM) ta' iżjed minn 3.5 tunnellati. | (a) Fus imxaqqaq jew sfurmat.<br>(b) Mhux imwaħħal sew mal-vettura.<br>(c) Tiswija jew modifika ħażina. |
| 5.1.2. Fus stub | Spezzjoni viżwali bil-vettura fuq fossa fuq parank. Jistgħu jintużaw detetturi tal-laxkezza tar-roti u huma rrakkomandati għal vetturi b'GVM ta' iżjed minn 3.5 tunnellati. Applika forza vertikali jew laterali għal kull rota u nnota l-ammont ta' ċaqliq bejn it-travu tal-fus u l-fus stub. | (a) Fus stub imxaqqaq.<br>(b) Il-pern u/jew il-buxxis ittieklu wisq.<br>(c) Ċaqliq eċċessiv bejn il-fus stub u t-travu tal-fus .<br>(d) Il-pern tal-fus stub laxk fil-fus. |
| 5.1.3. Berings tar-rota | Spezzjoni viżwali bil-vettura fuq fossa jew fuq parank. Jistgħu jintużaw detetturi tal-laxkezza tar-roti u huma rrakkomandati għal vetturi b'GVM ta' iżjed minn 3.5 tunnellati. Heżheż ir-rota jew applika forza laterali għal kull rota u nnota l-ammont ta' ċaqliq 'il fuq tar-rota meta mqabbel mal-fus stub. | (a) Laxkezza eċċessiva f'bering tar-rota.<br>(b) Il-bering tar-rota ssikkat iżżejjed, iġġammjat. |
| 5.2. Roti u tajers | | |
| 5.2.1. Buttun tar-roti tat-triq | Spezzjoni viżwali. | (a) Kwalunkwe skorfina jew pern tar-rota nieqsa jew laxki.<br>(b) Il-buttun mittiekel jew bil-ħsara. |
| 5.2.2. Roti | Spezzjoni viżwali taż-żewġ naħat ta' kull rota bil-vettura fuq fossa jew fuq parank. | (a) Kwalunkwe ksur jew difett fil-weldjar.<br>(b) Iċ-ċrieki li jżommu t-tajers mhux imwaħħla sew.<br>(c) Ir-rota mgħawġa ħafna jew mittiekla.<br>(d) Id-daqs jew it-tip tar-rota mhumiex skont ir-rekwiżiti[1] u jaffettwaw is-sikurezza fit-triq. |
| 5.2.3. Tajers | Spezzjoni viżwali tat-tajer sħiħ jew billi ddawwar ir-rota tat-triq biha maqtugħa mill-art u l-vettura fuq fossa jew fuq parank, jew billi tmexxi l-vettura lura u 'l quddiem fuq fossa. | (a) Id-daqs tat-tajers, il-kapaċità ta' tagħbija, il-marka tal-approvazzjoni jew il-klassifikazzjoni tal-ispid mhumiex skont ir-rekwiżiti[1] u jaffettwaw is-sikurezza fit-triq.<br>(b) It-tajers fuq l-istess fus jew fuq roti doppji ta' daqsijiet differenti.<br>(c) It-tajers fuq l-istess fus huma ta' kostruzzjoni differenti |

| Element | Metodu | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test |
|---|---|---|
| | | |
| | | (radjali/djagonali).<br>(d) Kwalunkwe ħsara jew qtugħ serju fit-tajer.<br>(e) Il-ħxuna tat-tajer mhix skont ir-rekwiżiti(1).<br>(f) It-tajer iħokk ma' komponenti oħra.<br>(g) Tajers rikundizzjonati mhux skont ir-rekwiżiti(1).<br>(h) is-sistema li timmonitorja l-pressjoni tal-arja taħdem ħażin jew jidher ċar li ma taħdimx. |
| 5.3. Sistema tas-sospensjoni | | |
| 5.3.1. Molol u stabbilizzatur | Spezzjoni viżwali bil-vettura fuq fossa jew fuq parank. Jistgħu jintużaw detetturi tal-laxkezza tar-roti u huma rakkomandati għal vetturi b'GVM ta' iżjed minn 3.5 tunnellati. | (a) Il-molol mhumiex imqabbdin sew max-xażi jew mal-fus.<br>(b) Komponent tal-molol bil-ħsara jew miksur.<br>(c) Molla nieqsa.<br>(d) Tiswija jew modifika ħażina. |
| 5.3.2. Assorbituri tal-iskossi | Spezzjoni viżwali bil-vettura fuq fossa jew fuq parank jew billi tuża tagħmir speċjali, jekk ikun disponibbli. | (a) L-assorbituri tal-iskossi mhumiex imqabbdin sew max-xażi jew mal-fus.<br>(b) Assorbitur tal-iskossi bil-ħsara li juri sinjali ta' tnixxija jew funzjonament ħażin severi. |
| 5.3.2.1 Testjar tal-effiċjenza tal-ammortizzar tal-iskossi | Uża tagħmir speċjali u qabbel id-differenzi bejn ix-xellug u l-lemin u/jew il-valuri assoluti mogħtija mill-manifatturi. | (a) Differenza sinifikanti bejn ix-xellug u l-lemin.<br>(b) il-valuri minimi mogħtija ma ntlaħqux. |
| 5.3.3. Tubi torque, vireg ta' radju, frieket tas-sospensjoni u brazzi tas-sospensjoni | Spezzjoni viżwali bil-vettura fuq fossa jew fuq parank. Jistgħu jintużaw detetturi tal-laxkezza tar-roti u huma rrakkomandati għal vetturi b'GVM ta' iżjed minn 3.5 tunnellati. | (a) Komponent mhux imqabbad sew max-xażi jew mal-fus.<br>(b) Komponent bil-ħsara, miksur jew imsaddad iżżejjed.<br>(c) Tiswija jew modifika ħażina. |
| 5.3.4. Ġonot tas-sospensjoni | Spezzjoni viżwali bil-vettura fuq fossa jew fuq parank. Jistgħu jintużaw detetturi tal-laxkezza tar-roti u huma rrakkomandati għal vetturi b'GVM ta' iżjed minn 3.5 tunnellati. | (a) Il-pern u/jew il-buxxis jew il-ġonot tas-sospensjoni ittieklu żżejjed.<br>(b) L-għatu ta' kontra t-trab nieqes jew iddeterjora severament. |
| 5.3.5. Sospensjoni tal-arja | Spezzjoni viżwali | (a) Is-sistema ma tistax titħaddem.<br>(b) Xi komponent bil-ħsara, modifikat jew deterjorat b'mod li jaffettwa ħażin il-funzjonament tas-sistema.<br>(c) Tnixxija fis-sistema li tinstema' . |
| **6. XAŻI U AĊĊESSORJI TAX-XAŻI** | | |
| 6.1. Xażi jew qafas u aċċessorji | | |

| Element | Metodu | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test |
|---|---|---|
| | | |
| 6.1.1. Kundizzjoni ġenerali | Spezzjoni viżwali bil-vettura fuq fossa jew fuq parank. | (a) Ksur jew deformazzjoni ta' xi naħa jew oħra tal-membru trasversali.<br>(b) Il-pjanċi jew l-issikkar ta' tisħiħ mhumiex sikuri.<br>(c) Sadid eċċessiv li jaffettwa r-riġidità tal-assemblaġġ. |
| 6.1.2. Pajpijiet tal-egżost u sajlensers | Spezzjoni viżwali bil-vettura fuq fossa jew fuq parank. | (a) Sistema tal-egżost mhux sikura jew tnixxi.<br>(b) Dħaħen li jidħlu fil-kabina jew fil-kompartiment tal-passiġġieri. |
| 6.1.3. Tank tal-fjuwil u pajpijiet (inkluż it-tank tal-fjuwil u l-pajpijiet) | Spezzjoni viżwali bil-vettura fuq fossa jew fuq parank, uża apparati li jindividwaw it-tnixxijiet fil-każ ta' sistemi LPG/CNG. | (a) Tank jew pajpijiet mhux sikuri.<br>(b) Fjuwil inixxi jew tapp tal-filler nieqes jew mhux effettiv.<br>(c) Pajpijiet bil-ħsara jew irritati.<br>(d) Il-vit tal-fjuwil (jekk meħtieġ) ma jaħdimx sew.<br>(e) Riskju ta' ħruq minħabba:<br>-tnixxija ta' fjuwil<br>-tank tal-fjuwil jew l-egżost mhux protetti sew<br>- il-kundizzjoni tal-kompartiment tal-magna.<br>(f) Is-sistema tal-LPG/CNG jew tal-idroġenu mhix skont ir-rekwiżiti(1). |
| 6.1.4. Bampers, apparati ta' protezzjoni laterali u tal-qiegħ fuq wara | Spezzjoni viżwali. | (a) Probabbiltà li l-laxkezza jew il-ħsara tikkaġuna korriment meta xi ħadd iħokk magħha jew imissha.<br>(b) Jidher ċar li l-apparat mhux skont ir-rekwiżiti(1). |
| 6.1.5. Sostenn tal-istepni (jekk imwaħħal) | Spezzjoni viżwali. | (a) Is-sostenn mhux f'kundizzjoni tajba.<br>(b) Is-sostenn huwa mxaqqaq jew mhux sikur.<br>(c) L-istepni mhux imwaħħal sew fis-sostenn u hemm probabbiltà li jaqa'. |
| 6.1.6. Mekkaniżmi ta' agganċ u tagħmir tal-irmunkar | Spezzjoni viżwali għall-użu u t-tħaddim korrett b'attenzjoni speċjali għal kwalunkwe apparat tas-sikurezza li jkun imwaħħal u/jew l-użu ta' gejġ tal-kejl. | (a) Komponent bil-ħsara, difettuż jew imxaqqaq.<br>(b) Komponent mittiekel żżejjed.<br>(c) It-twaħħil difettuż.<br>(d) Xi apparat tas-sikurezza nieqes jew mhux jaħdem sew.<br>(e) Kwalunkwe indikatur li mhux qed jaħdem.<br>(f) Ostruzzjoni għall-pjanċa tar-reġistrazzjoni jew kwalunkwe dawl (meta ma jkunux qed jintużaw).<br>(g) Tiswija jew modifika ħażina. |
| 6.1.7. Trażmissjoni | Spezzjoni viżwali. | (a) Boltijiet li torbot bihom laxki jew |

| Element | Metodu | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test |
|---|---|---|
| | | |
| | | nieqsin.<br>(b) Il-berings tax-xaft tat-trażmissjoni ttieklu żżejjed.<br>(c) Il-ġonot universali ttieklu żżejjed.<br>(d) Agganċ flessibbli ddeterjorat.<br>(e) Xaft bil-ħsara jew mgħawweġ.<br>(f) Il-ħawżing tal-berings miksur jew mhux sikur.<br>(g) L-għatu ta' kontra t-trab nieqes jew iddeterjora severament.<br>(h) Modifika illegali tal-power-train. |
| 6.1.8. Immuntar tal-magna | Spezzjoni viżwali mhux neċessarjament fuq fossa jew fuq parank. | L-immuntar iddeterjora, bi ħsara ċara u severa, laxk jew imxaqqaq. |
| 6.1.9 Prestazzjoni tal-magna | Spezzjoni viżwali | (a) L-unità ta' kontroll modifikata b'mod illegali.<br>(b) Modifika illegali fil-magna. |
| 6.2. Kabina u karrozzerija | | |
| 6.2.1. Kundizzjoni | Spezzjoni viżwali. | (a) Panil jew parti laxk(a) jew bil-ħsara fejn hemm probabbiltà li jikkaġġunaw korriment<br>(b) Il-pilastru tal-bodi mhux sikur.<br>(c) Tippermetti d-dħul ta' dħaħen tal-magna jew tal-egżost.<br>(d) Tiswija jew modifika ħażina. |
| 6.2.2. Immuntar | Spezzjoni viżwali fuq fossa jew fuq parank. | (a) Il-bodi jew il-kabina mhumiex sikuri.<br>(b) Jidher ċar li l-bodi/kabina mhux pożizzjonati b'mod kwadrat fuq ix-xażi.<br>(c) Twaħħil mhux sikur jew nieqes tal-bodi/kabina max-xażi jew il-membri trasversali.<br>(d) Sadid eċċessiv f'punti ta' twaħħil fuq korpi integrali. |
| 6.2.3. Bibien u molol tal-bibien | Spezzjoni viżwali. | (a) Bieba ma tinfetaħx jew ma tingħalaqx sew.<br>(b) Probabbiltà li bieba tinfetaħ għal għarrieda jew li ma tibqax magħluqa.<br>(c) Il-bieba, iċ-ċappetti, il-molol, il-pilastru, neqsin, laxki jew iddeterjoraw. |
| 6.2.4. Art | Spezzjoni viżwali fuq fossa jew fuq parank. | L-art mhux sikura jew deterjorata b'mod eċċessiv. |
| 6.2.5. Sit tax-xufier | Spezzjoni viżwali. | (a) Sit tax-xufier laxk jew sit bi struttura difettuża<br>(b) Il-mekkaniżmu ta' aġġustament ma jaħdimx sewwa. |

| Element | Metodu | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test |
|---|---|---|
| | | |
| 6.2.6. Sits oħrajn | Spezzjoni viżwali. | (a) Is-sits huma f'kundizzjoni difettuża jew mhumiex sikuri<br>(b) Is-sits mhux imwaħħla skont ir-rekwiżiti[(1)]. |
| 6.2.7. Kontrolli tas-sewqan | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | Kwalunkwe kontroll neċessarju għat-tħaddim sikur tal-vettura li ma jkunx qed jaħdem kif suppost. |
| 6.2.8. Turġien tal-kabina | Spezzjoni viżwali. | (a) It-tarġa jew ċirku tat-tarġa mhux sikuri<br>(b) It-tarġa jew iċ-ċirku f'kundizzjoni fejn hemm probabbiltà li jikkaġunaw korriment lil min jużahom. |
| 6.2.9. Fittings interni u esterni oħra | Spezzjoni viżwali. | (a) Twaħħil difettuż ta' fitting jew tagħmir ieħor<br>(b) Fitting jew tagħmir ieħor mhux skont ir-rekwiżiti[(1)].<br>(c) Tagħmir idrawliku jnixxi. |
| 6.2.10. Madgards (wings), apparati ta' trażżin tat-titjir | Spezzjoni viżwali. | (a) Nieqsin, laxki jew imsaddin ħafna.<br>(b) Spazju insuffiċjenti għar-rota tat-triq.<br>(c) Mhux skont ir-rekwiżiti[(1)]. |
| **7. TAGĦMIR IEĦOR** | | |
| 7.1. Ċinturini tas-sikurezza/bokkli u sistemi ta' rbit | | |
| 7.1.1. Sikurezza tal-immuntar taċ-ċinturini tas-sikurezza/tal-bokkli | Spezzjoni viżwali. | (a) Il-punt ta' ankraġġ iddeterjorat ħafna<br>(b) Ankraġġ laxk. |
| 7.1.2. Kundizzjoni taċ-ċintorini tas-sikurezza/bokkli | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Iċ-ċintorin obbligatorju tas-sikurezza huwa nieqes jew mhux imwaħħal.<br>(b) Iċ-ċintorin tas-sikurezza huwa bil-ħsara.<br>(c) Iċ-ċintorin tas-sikurezza mhux skont ir-rekwiżiti[(1)].<br>(d) Il-bokkla taċ-ċintorin tas-sikurezza bil-ħsara jew ma taħdimx sew.<br>(e) Ir-retrattur taċ-ċintorin tas-sikurezza huwa bil-ħsara jew ma jaħdimx sewwa. |
| 7.1.3. Limitatur tat-tagħbija taċ-ċintorin tas-sikurezza | Spezzjoni viżwali | Jidher ċar li l-limitatur tat-tagħbija huwa nieqes jew mhux adatt għall-vettura. |
| 7.1.4. Pretensjonaturi taċ-ċintorin tas-sikurezza | Spezzjoni viżwali | Jidher ċar li l-pretensjonaturi huma neqsin jew mhux adatti għall-vettura. |
| 7.1.5. Erbeg | Spezzjoni viżwali | (a) Jidher ċar li l-erbeg huwa nieqes jew mhux adatt għall-vettura.<br>(b) Jidher ċar li l-erbeg ma jaħdimx |

| Element | Metodu | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test |
|---|---|---|
| | | |
| 7.1.6. Sistemi SRS | Spezzjoni viżwali tal-MIL. | Il-MIL tal-SRS jindika xi tip ta' falliment tas-sistema. |
| 7.2. Apparat tat-tifi tan-nar (X)[2] | Spezzjoni viżwali. | (a) Nieqes.<br>(b) Mhux skont ir-rekwiżiti.[1]. |
| 7.3. Serraturi u tagħmir kontra s-serq | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Is-serraturi u t-tagħmir kontra s-serq<br>(b) Għeluq jew imblukkar difettuż jew għal għarrieda. |
| 7.4. Trijangolu ta' twissija (jekk meħtieġ)(X)[2] | Spezzjoni viżwali. | (a) Nieqes jew mhux komplut.<br>(b) Mhux skont ir-rekwiżiti[1]. |
| 7.5. Kit tal-ewwel għajnuna (jekk meħtieġ)(X)[2] | Spezzjoni viżwali. | Nieqes, inkomplet jew mhux skont ir-rekwiżiti[1]. |
| 7.6. Riffieda tar-roti (ifilsa) (jekk meħtieġa) (X)[2] | Spezzjoni viżwali. | Neqsin jew mhux f'kundizzjoni tajba. |
| 7.7. Apparat ta' twissija li jinstema' | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Ma jaħdimx'<br>(b) Kontroll mhux sikur.<br>(c) Mhux skont ir-rekwiżiti[1]. |
| 7.8. Spidometru | Spezzjoni viżwali jew billi jitħaddem waqt test fit-triq jew b'mezzi elettroniċi. | (a) Mhux imwaħħal skont ir-rekwiżiti[1].<br>(b) Ma jaħdimx.<br>(c) Ma jistax ikun imdawwal. |
| 7.9. Takografu (jekk imwaħħal/meħtieġ) | Spezzjoni viżwali. | (a) Mhux imwaħħal skont ir-rekwiżiti[1].<br>(b) Ma jaħdimx.<br>(c) Siġilli difettużi jew nieqsa.<br>(d) Il-plakka tal-ikkalibrar nieqsa, ma tinqarax jew skaduta.<br>(e) Tbagħbis jew manipulazzjoni evidenti.<br>(f) Id-daqs tat-tajers mhux kompatibbli mal-parametri tal-ikkalibrar. |
| 7.10. Apparat li jillimita l-ispid (jekk imwaħħal/meħtieġ) | Spezzjoni viżwali u billi jitħaddem jekk ikun disponibbli t-tagħmir . | (a) Mhux imwaħħal skont ir-rekwiżiti[1].<br>(b) Jidher ċar li ma jaħdimx.<br>(c) Spid issettjat ħażin (jekk iċċekkjat).<br>(d) Siġilli difettużi jew nieqsa.<br>(e) Il-plakka tal-ikkalibrar nieqsa, ma tinqarax jew skaduta.<br>(f) Id-daqs tat-tajers mhux kompatibbli mal-parametri tal-ikkalibrar. |
| 7.11 Odometru jekk disponibbli | Spezzjoni viżwali | (a) Jidher ċar li manipulat (frodi)<br>(b) Jidher ċar li ma jaħdimx. |
| 7.12 Kontroll Elettroniku tal-Istabbiltà (ESC) jekk | Spezzjoni viżwali | (a) Is-sensers tal-ispid tar-roti neqsin jew bil-ħsara. |

| Element | Metodu | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test |
|---|---|---|
| | | |
| imwaħħal/meħtieġ | | (b) Ħsara fis-sistema tal-wajering.<br>(c) Komponenti oħra neqsin jew bil-ħsara.<br>(d) Is-swiċċ bil-ħsara jew mhux jaħdem sew.<br>(e) L-MIL tal-ESC jindika xi tip ta' falliment tas-sistema. |
| **8. FASTIDJU** | | |
| 8.1. Storbju | | |
| 8.1.1 Sistema ta' trażżin tal-istorbju | Evalwazzjoni suġġettiva (sakemm l-ispettur ma jikkunsidrax li l-livell tal-istorbju jista' jkun qrib il-limitu, f'liema każ jista' jsir test tal-istorbju billi jintuża miter tal-istorbju). | (a) Livelli ta' storbju li jaqbżu dawk permessi fir-rekwiżiti(1).<br>(b) Kwalunkwe parti tas-sistema tat-trażżin tal-istorbju laxka, li x'aktarx taqa', bil-ħsara, imwaħħla ħażin, nieqsa jew jidher ċar li ġiet modifikata b'mod li jaffettwa ħażin il-livelli tal-istorbju. |
| 8.2. Emissjonijiet tal-egżost | | |
| 8.2.1 Emissjonijiet tal-magna petrol | | |
| 8.2.1.1 Emissjonijiet minn magni petrol | Spezzjoni viżwali | (a) Tagħmir ta' kontroll tal-emissjonijiet imwaħħal mill-manifattur nieqes, immodifikat jew jidher ċar li difettuż.<br>(b) Tnixxijiet li jaffettwaw il-kejl tal-emissjonijiet. |
| 8.2.1.2 Emissjonijiet gassużi | Kejl li juża analizzatur tal-gass tal-egżost konformi mar-rekwiżiti [1]. Inkella, għal vetturi mgħammra b'sistemi dijanjostiċi abbord (OBD) adegwati, it-tħaddim kif suppost tas-sistema tal-emissjonijiet jista' jiġi ċċekkjat permezz tal-qari xieraq tal-mezz OBD u ċċekkjar tat-tħaddim xieraq tas-sistema OBD installata tal-kejl ta' emissjonijiet bil-magna mhix ingranata skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-kondizzjonament tal-manifattur u rekwiżiti oħra [1]. | (a) Jew, l-emissjonijiet gassużi huma ogħla mil-livelli speċifiċi indikati mill-manifattur;<br>(b) Inkella, f'każ li din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, l-emissjonijiet ta' CO jkunu ogħla minn:<br>i) għal vetturi mhux ikkontrollati minn sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet avvanzata,<br>– 4.5%, jew<br>– 3.5%<br>skont id-data tal-ewwel reġistrazzjoni jew użu speċifikat fir-rekwiżiti(1).<br>ii) għal vetturi kkontrollati minn sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet avvanzata:<br>– bil-magna mhux ingranata: 0.5%<br>– bi spid għoli mingħajr ingranaġġ: 0.3% |

| Element | Metodu | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test |
|---|---|---|
| | | |
| | | jew<br>– bil-magna mhux ingranata: 0.3%[6]<br>– bi spid għoli mingħajr ingranaġġ: 0.2%<br>skont id-data tal-ewwel reġistrazzjoni jew użu speċifikat fir-rekwiżiti(1).<br>(c) Il-valur Lambda huwa barra mill-medda 1± 0.03 jew mhux skont l-ispeċifikazzjoni tal-manifattur.<br>(d) Il-valur moqri mill-OBD jindika funzjonament ħażin sinifikanti. |
| 8.2.2 Emissjonijiet minn magni diżil | | |
| 8.2.2.1 Tagħmir li jikkontrolla l-emissjonijiet tal-egżost | Spezzjoni viżwali | (a) It-tagħmir li jikkontrolla l-emissjonijiet mgħammar mill-manifattur ma ġiex imwaħħal jew jidher ċar li huwa difettuż.<br>(b) Tnixxijiet li jaffettwaw il-kejl tal-emissjonijiet. |
| 8.2.2.2 Opaċità<br><br>Vetturi rreġistrati jew imdaħħla fis-servizz qabel l-1 ta' Jannar 1980 huma eżentati minn dan ir-rekwiżit. | (a) L-opaċità tal-gass tal-egżost għandha tiġi mkejla waqt aċċellerazzjoni ħielsa (mingħajr tagħbija minn spid mingħajr ingranaġġ sa dak tal-qtugħ) bil-ger fil-pożizzjoni newtrali u l-klaċċ magħfus.<br>(b) Il-prekondizzjonament tal-vettura:<br>1. Il-vetturi jistgħu jiġu ttestjati mingħajr prekondizzjonament għalkemm għal raġunijiet ta' sikurezza, għandhom isiru kontrolli li l-magna tkun sħuna u f'kundizzjoni mekkanika sodisfaċenti.<br>2. Ir-rekwiżiti tal-prekondizzjoni:<br>(i) Il-magna trid tkun sħuna għalkollox, pereżempju t-temperatura taż-żejt tal-magna mkejla b'sonda mit-tubu tal-ħadid li timmarka l-livell taż-żejt għandha tkun mill-inqas ta' 80 °C, jew it-temperatura normali ta' tħaddim f'każ li din tkun aktar baxxa, jew it-temperatura tal-blokka tal-magna mkejla permezz tal-livell ta' radjazzjoni infraħamra għandha tkun mill-inqas daqs temperatura ekwivalenti. Jekk, minħabba l-konfigurazzjoni tal-vettura, dan il-kejl ma jkunx prattiku, il-mod kif tiġi stabbilita t-temperatura normali ta' tħaddim tal-magna jista' jsir b'mezzi oħra, pereżempju bit-tħaddim tal-fann tat-tkessiħ tal-magna.<br>(ii) Is-sistema tal-egżożt għandha tiġi mnaddfa b'mill-inqas tliet ċikli ta' aċċelerazzjoni jew b'metodu ekwivalenti.<br>(c) Il-proċedura tat-test: | (a) Għal vetturi rreġistrati jew imdaħħla fis-servizz għall-ewwel darba wara d-data speċifikata fir-rekwiżiti(1),<br>l-opaċità tkun aktar mil-livell reġistrat fuq il-pjanċa li l-manifattur iwaħħal mal-vettura.<br>(b) Meta din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli jew ir-rekwiżiti (1) ma jippermettux l-użu ta' valuri ta' referenza,<br>għal magni b'respirazzjoni naturali: 2.5 $m^{-1}$ ,<br>għal magni bit-turbo: 3.0 $m^{-1}$ ,<br>jew, għal vetturi identifikati fir-rekwiżiti (1) jew irreġistrati jew imdaħħla fis-servizz għall-ewwel darba wara d-data speċifikata fir-rekwiżiti(1)<br>1.5 $m^{-1}$[7]. |

6 Tip approvat skont il-limiti fir-ringiela A jew B taqsima 5.3.1.4 tal-Anness I tad-Direttiva 70/220/KEE jew irreġistrat jew imdaħħal fis-servizz għall-ewwel darba wara l-1 ta' Lulju 2002

7 Tip approvat skont il-limiti fir-Ringiela B tat-taqsima 5.3.1.4. tal-Anness I għad-Direttiva 70/220/KEE; ringiela B1, B2 jew C taqsima 6.2.1 tal-Anness I tad-Direttiva 88/77/KEE jew irreġistrat jew imdaħħal fis-servizz għall-ewwel darba wara l-1 ta' Lulju 2008.

| Element | Metodu | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test |
|---|---|---|
| | | |
| | 1 Il-magna u kwalunkwe turboċarġer imwaħħal, ma għandhomx ikunu ingranati qabel il-bidu ta' kull ċiklu ta' aċċellerazzjoni ħielsa. Għall-vetturi diżil heavy-duty, dan ifisser stennija ta' mill-anqas 10 sekondi wara r-rilaxx tal-aċċelleratur.<br><br>2. Sabiex jinbeda kull ċiklu ta' aċċellerazzjoni ħielsa, il-pedala tal-aċċelleratur trid tingħafas għalkollox, bil-ħeffa u b'mod kontinwu (f'inqas minn sekonda) iżda mhux bil-goff, sabiex tinkiseb il-kwantità massima ta' fjuwil mill-pompa tal-injezzjoni.<br><br>3. Matul kull ċiklu ta' aċċellerazzjoni ħielsa, il-magna għandha tilħaq l-ispid tal-qtugħ jew, għall-vetturi bi trażmissjonijiet awtomatiċi, l-ispid speċifikat mill-manifattur jew, jekk din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, allura l-ispid ta' żewġ terzi tal-ispid tal-qtugħ, qabel ma jiġi rilaxxat l-aċċelleratur. Dan jista' jiġi ċċekkjat, pereżempju, billi jiġi mmonitorjat l-ispid tal-magna jew billi jitħalla jgħaddi biżżejjed ħin bejn l-għafis inizjali tal-aċċelleratur u r-rilaxx tiegħu, li fil-każ tal-vetturi tal-kategorija 1 u 2 tal-Anness 1, għandu jkun ta' mill-anqas żewġ sekondi.<br><br>4. Il-vetturi għandhom jiġu mwaħħla fit-testijiet fil-każ biss li l-medji aritmetiċi ta' mill-anqas l-aħħar tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jaqbżu l-valuri tal-limitu. Dan jista' jiġi kkalkulat billi jiġi injorat kull kejl li ma jaqbilx b'mod sinifikanti mal-medja mkejla, jew ir-riżultat ta' kwalunkwe kalkolu statistiku ieħor li jikkunsidra t-tifrix tal-kejlijiet. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-għadd taċ-ċikli tat-testijiet.<br><br>5. Sabiex jevitaw li jsiru testijiet bla bżonn, l-Istati Membri jistgħu jwaħħlu l-vetturi li jkollhom valuri mkejla ferm ogħla mill-valuri ta' limitu wara inqas minn tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jew wara ċ-ċikli tat-tnaddif. Daqstant ieħor, sabiex jevitaw li jsiru testijiet bla bżonn, l-Istati Membri jistgħu jgħaddu l-vetturi li jkollhom valuri mkejla ferm aktar baxxi mil-limiti wara inqas minn tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jew wara ċikli tat-tnaddif. | |
| 8.3 Trażżin tal-interferenza elettromanjetika | | |
| Interferenza mir-radju (X)[2] | Spezzjoni viżwali. | Kwalunkwe ħtiġijiet tar-rekwiżiti [1] mhux issodisfati. |
| 8.4 Elementi oħra relatati mal-ambjent | | |
| 8.4.1 Tnixxijiet tal-fluwidu | Spezzjoni viżwali. | Kwalunkwe tnixxija ta' fluwidu eċċessiv li tista' tagħmel ħsara lill-ambjent jew toħloq riskju tas-sikurezza għal utenti oħra tat-triq. |
| **9. TESTIJIET SUPPLIMENTARI GĦAL VETTURI LI JĠORRU L-PASSIĠĠIERI M2, M3** | | |
| 9.1. Bibien | | |
| 9.1.1 Bibien | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Tħaddim difettuż.<br>(b) Kundizzjoni deterjorata.<br>(c) Il-kontroll tal-emerġenza difettuż.<br>(d) Kontroll mill-bogħod tal-bibien u tal-apparati ta' twissija difettuż . |

| Element | Metodu | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test |
|---|---|---|
| | | |
| | | (e) Mhux skont ir-rekwiżiti.[(1)]. |
| 9.1.2 Ħruġ ta' emerġenza | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom (fejn ikun xieraq). | (a) Funzjonament difettuż.<br>(b) Sinjali tal-ħruġ ta' emerġenza nieqsin jew ma ma jistgħux jinqraw<br>(c) Il-martell biex tkisser il-ħġieġ nieqes.<br>(d) Mhux skont ir-rekwiżiti[(1)]. |
| 9.2. Sistema tat-tneħħija tat-titpin u tas-silġ (X)[(2)] | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Mhux taħdem sew.<br>(b) Emissjoni ta' gassijiet tossiċi jew tal-egżost fil-kompartiment tax-xufier jew tal-passiġġieri.<br>(c) Sistema tat-tneħħija tas-silġ difettuża (jekk obbligatorja) |
| 9.3. Sistema ta' ventilazzjoni u tat-tisħin (X)[(2)] | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Tħaddim difettuż.<br>(b) Emissjoni ta' gassijiet tossiċi jew tal-egżost fil-kompartiment tax-xufier jew tal-passiġġieri. |
| 9.4. Sits | | |
| 9.4.1 Sits tal-passiġġieri (inklużi s-sits għall-persunal ta' akkumpanjament) | Spezzjoni viżwali | (a) Is-sits f'kundizzjoni difettuża jew mhux sikura.<br>(b) Is-sits li jintwew (jekk permessi) mhux jaħdmu b'mod awtomatiku.<br>(c) Mhux skont ir-rekwiżiti.[(1)]. |
| 9.4.2 Sit tax-xufier (rekwiżiti addizzjonali) | Spezzjoni viżwali | (a) Apparat speċjali bħal protezzjoni kontra d-dawl qawwi jew skrin antirifless li huwa difettuż.<br>(b) Protezzjoni mhux sikura għax-xufier jew mhux skont ir-rekwiżiti[(1)] |
| 9.5. Apparati tat-tidwil interni u tad-destinazzjoni (X)[(2)] | Spezzjoni viżwali u permezz<br>tat-tħaddim | Apparat difettuż jew mhux skont ir-rekwiżiti[(1)]. |
| 9.6. Passaġġi, spazji fejn toqgħod bilwieqfa | Spezzjoni viżwali | (a) Art mhux sikura<br>(b) Poġġamani jew imqabad difettużi.<br>(c) Mhux skont ir-rekwiżiti.[(1)]. |
| 9.7. Turġien. | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom (fejn ikun xieraq). | (a) Kundizzjoni iddeterjorata jew bil-ħsara.<br>(b) It-turġien li jinġibdu 'l ġewwa mhux jaħdmu sew.<br>(c) Mhux skont ir-rekwiżiti[(1)]. |
| 9.8. Sistema ta' komunikazzjoni għall-passiġġieri (X)[(2)] | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | Sistema difettuża |
| 9.9. Avviżi (X)[(2)] | Spezzjoni viżwali. | (a) avviż nieqes, żbaljat jew ma jistax jinqara.<br>(b) Mhux skont ir-rekwiżiti[(1)]. |

| Element | Metodu | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test |
|---|---|---|
| | | |
| 9.10. Rekwiżiti rigward it-trasport tat-tfal. (X)[2] | | |
| 9.10.1 Bibien | Spezzjoni viżwali | Il-protezzjoni tal-bibien mhix skont ir-rekwiżiti[1] fir-rigward ta' din il-forma ta' trasport. |
| 9.10.2 Sinjalar u tagħmir speċjali | Spezzjoni viżwali | Sinjalar jew tagħmir speċjali nieqes jew mhux skont ir-rekwiżiti[1]. |
| 9.11. Rekwiżiti rigward it-trasport ta' persuni b'diżabilità (X)[2] | | |
| 9.11.1 Bibien, rampi u liftijiet | Spezzjoni viżwali u permezz tat-tħaddim | (a) Tħaddim difettuż.<br>(b) Kundizzjoni deterjorata.<br>(c) Kontroll(i) difettuż(i).<br>(d) Apparat(i) ta' twissija difettuż(i).<br>(e) Mhux skont ir-rekwiżiti.[1]. |
| 9.11.2 Fittings għas-siġġijiet bir-roti | Spezzjoni viżwali u jekk ikun xieraq billi tħaddimhom. | (a) Tħaddim difettuż.<br>(b) Kundizzjoni deterjorata.<br>(c) Kontroll(i) difettuż(i).<br>(d) Mhux skont ir-rekwiżiti.[1]. |
| 9.11.3 Sinjalar u tagħmir speċjali | Spezzjoni viżwali | Sinjalar jew tagħmir speċjali nieqes jew mhux skont ir-rekwiżiti[1]. |
| 9.12. Tagħmir speċjali ieħor (X)[2] | | |
| 9.12.1. Stallazzjonijiet għall-preparazzjoni tal-ikel | Spezzjoni viżwali | (a) L-istallazzjoni mhix skont ir-rekwiżiti[1].<br>(b) L-istallazzjoni hija bil-ħsara tant li jkun perikoluż li tużaha. |
| 9.12.2 Stallazzjoni sanitarja | Spezzjoni viżwali | L-istallazzjoni mhix skont ir-rekwiżiti.[1]. |
| 9.12.3 Apparati oħra (eż. sistemi awdjoviżivi) | Spezzjoni viżwali | Mhux skont ir-rekwiżiti.[1]. |

NOTI

Ir-"rekwiżiti" huma stipulati skont ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip fid-data tal-approvazzjoni, l-ewwel reġistrazzjoni jew l-ewwel dħul fis-servizz kif ukoll l-obbligi ta' retrofitting jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-pajjiż tar-reġistrazzjoni.

(X) tidentifika elementi relatati mal-kundizzjoni tal-vettura u l-adegwatezza tagħha għall-użu fit-triq iżda li mhumiex ikkunsidrati bħala essenzjali f'test tal-affidabbiltà stradali.

ANNESS III

# REKWIŻITI LI JIKKONĊERNAW IL-VALUTAZZJONI TAN-NUQQASIJIET TAL-VETTURI

Għal kull sistema jew komponent tal-vetturi soġġetti għall-ittestjar, ir-regoli li għandhom japplikaw waqt it-testijiet tal-affidabbiltà stradali sabiex tiġi ddeterminata jekk il-kundizzjoni tal-vettura hijiex aċċettabbli huma dawn li ġejjin.

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
| **0. IDENTIFIKAZZJONI TAL-VETTURA** | | | | |
| 0.1. Pjanċi bin-numru tar-reġistrazzjoni (jekk meħtieġ mir-rekwiżiti)[1] | (a) Il-pjanċa/i bin-numru hija/huma neqsin jew tant mhumiex sikuri/imwaħħlin b'tali mod li hemm probabbiltà li jaqgħu. | | X | |
| | (b) Skrizzjoni nieqsa jew ma tinqarax. | | X | |
| | (c) Mhumiex skont id-dokumenti jew ir-rekords tal-vettura. | | X | |
| 0.2. Numru tax-xażi/serjali ta' identifikazzjoni tal-vettura | (a) Nieqes jew ma jistax jinstab. | | X | |
| | (b) Inkomplet, ma jinqarax. | | X | |
| | (c) Mhux skont id-dokumenti jew ir-rekords tal-vettura. | | X | |
| **1. TAGĦMIR TAL-IBBREJKAR** | | | | |
| 1.1. Kundizzjoni mekkanika u tħaddim | | | | |
| 1.1.1. Pern tal-pedala/liver bl-id tal-brejk ta' servizz | (a) Pern issikat iżżejjed. | | X | |
| | (b) Ittieklu jew laxki wisq. | | X | |
| 1.1.2. Kundizzjoni u kors tal-pedala/liver bl-id tal-apparat li jħaddem l-brejkijiet | (a) Kors ta' riżerva żejjed jew insuffiċjenti. | | X | |
| | (b) Kontroll tal-brejkijiet li ma jirrilaxxax kif suppost | X | | |
| | Funzjonalità affettwata | | X | |
| | (c) L-element kontra ż-żliq ta' fuq il-pedala tal-brejkijiet nieqes, laxk jew ittiekel bl-użu | X | | |
| 1.1.3. Pompa tal-vakwu jew kompressur u kompartimenti | (a) Pressjoni/vakwu insuffiċjenti biex jassistu mill-inqas erba' applikazzjonijiet ta' brejkijiet wara li jkun ħadem l-apparat ta' twissija (jew il-gejġ juri qari ta' nuqqas ta' sikurezza).; | | X | |
| | f'mill-inqas żewġ applikazzjonijiet ta' brejkijiet wara li jkun ħadem l-apparat ta' twissija (jew il-gejġ juri qari ta' nuqqas ta' sikurezza).; | | | X |
| | (b) Il-ħin meħtieġ biex il-pressjoni tal-arja/vakwu jilħqu l-livell sikur ta' tħaddim ma jissodisfax ir-rekwiżiti[1]. | | X | |
| | (c) Il-valv ta' protezzjoni multiċirkwita jew il-valv għar-rilaxx tal-pressjoni ma jaħdmux | | X | |
| | (d) Tnixxija tal-arja li tikkawża waqgħa notevoli fil-pressjoni jew tnixxijiet tal-arja li jinstemgħu. | | X | |

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
| | (e) Probabbiltà li ħsara esterna taffettwa l-funzjonament tas-sistema tal-ibbrejkjar. | | X | |
| | Prestazzjoni ta' bbrejkjar sekondarju mhux issodisfata | | | X |
| 1.1.4. Gejġ jew indikatur li juri twissija ta' pressjoni baxxa | Gejġ jew indikatur difettuż jew ma jaħdimx sew. | X | | |
| | Pressjoni baxxa mhux identifikabbli | | X | |
| 1.1.5. Kontroll tal-brejkijiet imħaddem manwalment | (a) Il-kontroll imxaqqaq, bil-ħsara jew mittiekel iżżejjed. | | X | |
| | (b) Il-kontroll mhux imwaħħal sew mal-valv jew il-valv mhux imwaħħal sew. | | X | |
| | (c) Konnessjonijiet laxki fis-sistema jew tnixxijiet fis-sistema. | | X | |
| | (d) Tħaddim mhux sodisfaċenti. | | X | |
| 1.1.6. Attivatur tal-brejk tal-ipparkjar, kontroll tal-liver, il-krikk tal-brejk tal-ipparkjar, il-brejk tal-ipparkjar elettroniku | (a) Il-krikk mhux jorbot sew. | | X | |
| | (b) il-pern tal-liver jew tal-mekkaniżmu tal-krikk ittiekel. | X | | |
| | Użu eċċessiv | | X | |
| | (c) Ċaqliq eċċessiv tal-liver li jindika aġġustament inkorrett. | | X | |
| | (d) L-attivatur nieqes, bil-ħsara jew ma jaħdimx. | | X | |
| | (e) Funzjonament ħażin, l-indikatur ta' twissija ma jaħdimx sew. | | X | |
| 1.1.7. Valvijiet tal-brejkijiet (valvijiet irregolati bis-sieq, unloaders, u regolaturi) | (a) Valv bil-ħsara jew tnixxija eċċessiva tal-arja. | | X | |
| | Funzjonalità affettwata | | | X |
| | (b) Skariku eċċessiv ta' żejt mill-kompressur. | X | | |
| | (c) Valv jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin. | | X | |
| | (d) Skariku jew tnixxija ta' fluwidu idrawliku. | | X | |
| | Funzjonalità affettwata | | | X |
| 1.1.8. Agganċi għall-brejkijiet tat-trejlers (tal-elettriku u pnewmatiċi) | (a) Difett fit-tapp jew fil-valv awtosiġillanti. | X | | |
| | Funzjonalità affettwata | | X | |
| | (b) Vit jew valv jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin. | X | | |
| | Funzjonalità affettwata | | X | |
| | (c) Tnixxijiet eċċessivi. | | X | |
| | Funzjonalità affettwata | | | X |
| | (d) Ma jaħdmux sew. | | X | |
| | Tħaddim tal-brejk affettwat | | | X |
| 1.1.9. Akkumulatur jew tank tal-pressjoni | (a) It-tank kemxejn bil-ħsara jew imsaddad. | X | | |
| | It-tank għandu ħafna ħsara jew imsaddad jew inixxi ħafna. | | X | |

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
| | | | | |
| | (b) Tħaddim tal-apparat ta' skular affettwat.<br><br>Apparat ta' skular ma jaħdimx. | X | <br><br>X | |
| | (c) It-tank jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin. | | X | |
| 1.1.10. Unitajiet servo tal-brejk, iċ-ċilindru ewlieni (sistemi idrawliċi) | (a) L-unità servo difettuża jew mhux effettiva. | | X | |
| | (b) Iċ-ċilindru ewlieni difettuż, iżda l-brejk għadu jaħdem.<br><br>Iċ-ċilindru ewlieni difettuż jew inixxi. | | X | <br><br>X |
| | (c) Iċ-ċilindru ewlieni difettuż, iżda l-brejk għadu jaħdem.<br><br>Iċ-ċilindru ewlieni mhux imwaħħal sew. | | X | <br><br>X |
| | (d) Fluwidu tal-brejk mhux suffiċjenti (taħt il-marka MIN iżda aktar minn 50 % tal-kapaċità tal-kompartiment)<br><br>Fluwidu tal-brejk mhux suffiċjenti (taħt il-marka MIN iżda inqas minn 50 % tal-kapaċità tal-kompartiment)<br><br>L-ebda fluwidu tal-brejk viżibbli | X | <br><br>X | <br><br><br><br>X |
| | (e) It-tapp tat-tank taċ-ċilindru ewlieni nieqes. | X | | |
| | (f) Id-dawl ta' twissija tal-fluwidu tal-brejk mixgħula jew difettuża | X | | |
| | (g) L-apparat li jwissi li l-livell tal-fluwidu tal-brejk ma jaħdimx sew. | X | | |
| 1.1.11. Pajpijiet riġidi tal-brejkijiet | (a) Riskju imminenti li jċedu jew jinqasmu. | | | X |
| | (b) Il-pajpijiet jew il-konnessjonijiet inixxu (sistemi ta' brejkijiet bl-arja)<br><br>Il-pajpijiet jew il-konnessjonijiet inixxu (sistemi ta' brejkijiet idrawliċi) | | X | <br><br>X |
| | (c) Il-pajpijiet bil-ħsara jew imsadda żżejjed.<br><br>Jaffettwaw il-funzjonament tal-brejkijiet b'imblukkar jew riskju imminenti ta' tnixxija | | X | <br><br>X |
| | (d) Il-pajpijiet mhux f'posthom.<br><br>Riskju ta' ħsara | X | <br><br>X | |
| 1.1.12. Pajipijiet flessibbli tal-brejkijiet | (a) Riskju imminenti li jċedu jew jinqasmu. | | | X |
| | (b) Pajpijiet flessibbli mibrumin jew qosra wisq<br><br>Pajpijiet flessibbli bil-ħsara jew mittiekla | X | <br><br>X | |
| | (c) Pajpijiet flessibbli jew konnessjonijiet li jnixxu. (sistemi ta' brejkijiet bl-arja)<br><br>Il-pajpijiet jew il-konnessjonijiet inixxu (sistemi ta' brejkijiet idrawliċi) | | X | <br><br>X |
| | (d) Pajpijiet flessibbli minfuħin bil-pressjoni.<br><br>Kejbil mdgħajjef | | X | <br><br>X |
| | (e) Pajpijiet flessibbli porużi. | | X | |

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | **Minuri** | **Maġġuri** | **Perikolużi** |
| 1.1.13. Firrodu u peddijiet tal-brejkijiet | (a) Firrodu u peddijiet mittiekla żżejjed (marka MIN milħuqa)<br>Firrodu u peddijiet mittiekla żżejjed (taħt il-marka MIN) | | X | <br>X |
| | (b) Firrodu u peddijiet ikkontaminati (żejt, griż, eċċ.).<br>Prestazzjoni tal-ibbrejkjar affettwata | | X | <br>X |
| | (c) Firrodu u peddijiet neqsin. | | | X |
| 1.1.14. Tanbur tal-brejkijiet, diski tal-brejkijiet | (a) Tanbur jew diska mittiekla (marka MIN milħuqa) jew mibruxin ħafna,<br>It-tanbur jew id-diska mittiekla żżejjed, mibruxin iżżejjed, imxaqqin, mhux imwaħħlin sew jew maqsumin. | | X | <br>X |
| | (b) It-tanbur jew id-diska ikkontaminati (żejt, griż, eċċ.). | | X | |
| | (c) It-tanbur jew id-diska neqsin. | | | X |
| | (d) Il-pjanċa mhix imwaħħla sew. | | X | |
| 1.1.15. Kejbils, vireg, livers u konnessjonijiet tal-brejkijiet | (a) Kejbil bil-ħsara jew mgħaqqad.<br>Prestazzjoni tal-ibbrejkjar affettwata | | X | <br>X |
| | (b) Komponent mittiekel wisq jew imsaddad.<br>Prestazzjoni tal-ibbrejkjar affettwata | | X | <br>X |
| | (c) Kejbil, virga jew ġonta mhux imwaħħlin sew. | | X | |
| | (d) Il-gwida tal-kejbil difettuża. | | X | |
| | (e) Restrizzjoni għaċ-ċaqliq ħieles tas-sistema tal-ibbrejkjar. | | X | |
| | (f) Ċaqliq mhux normali tal-livers/konnessjoni li jindika twaħħil ħażin jew li ttieklu żżejjed. | | X | |
| 1.1.16. Attwatur tal-brejkijiet (inkluż brejkijiet bil-molla jew ċilindri idrawliċi) | (a) L-attwatur maqsum jew bil-ħsara.<br>Prestazzjoni tal-ibbrejkjar affettwata | | X | <br>X |
| | (b) L-attwatur inixxi.<br>Prestazzjoni tal-ibbrejkjar affettwata | | X | <br>X |
| | (c) L-attwatur jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin.<br>Prestazzjoni tal-ibbrejkjar affettwata | | X | <br>X |
| | (d) L-attwatur imsaddad wisq.<br>Probabbiltà li jixxaqqaq | | X | <br>X |
| | (e) Kors eċċessiv jew insuffiċjenti tal-pistun operattiv jew tal-mekkaniżmu tad-dijaframma.<br>Prestazzjoni tal-ibbrejkjar affettwata (nuqqas ta' riżerva għaċ-ċaqliq) | | X | <br>X |

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
| | (f) L-għatu ta' protezzjoni mit-trab bil-ħsara.<br><br>L-għatu ta' protezzjoni mit-trab nieqes jew għandu ħsara eċċessiva. | X | <br><br>X | |
| 1.1.17. Valv ta' detezzjoni tat-tagħbija | (a) Konnessjoni difettuża. | | X | |
| | (b) Konnessjoni aġġustata ħażin. | | X | |
| | (c) Valv iġġammjat jew ma jaħdimx (Funzjonament ABS)<br><br>Valv iġġammjat jew ma jaħdimx. | | X | <br><br>X |
| | (d) Valv nieqes (jekk meħtieġ) | | | X |
| | (e) Pjanċa tad-dejta nieqsa. | X | | |
| | (f) Id-dejta ma tinqarax jew mhix skont ir-rekwiżiti(1). | X | | |
| 1.1.18. Indikaturi u mezzi għall-aġġustament tal-laxkezza | (a) Il-mezz għall-aġġustament bil-ħsara, iġġammjat jew jiċċaqlaq b'mod anormali, ittiekel iżżejjed jew aġġustat ħażin. | | X | |
| | (b) Il-mezz għall-aġġustament tal-laxkezza difettuż. | | X | |
| | (c) Installati jew mibdula ħażin. | | X | |
| 1.1.19. Sistema ta' bbrejkjar ta' reżistenza (meta mgħammra jew meħtieġa) | (a) Konnetturi jew muntaturi (immuntar) mhux imwaħħlin sew.<br><br>Funzjonalità affettwata | X | <br><br>X | |
| | (b) Is-sistema għandha difetti ċari jew nieqsa. | | X | |
| 1.1.20. Funzjonament awtomatiku tal-brejkijiet tat-trejler | Il-brejk tat-trejler ma jidħolx awtomatikament meta jiġi skonnettjat l-agganċ. | | | X |
| 1.1.21. Sistema tal-ibbrejkjar kompleta | (a) Apparati oħra tas-sistema (eż., il-pompa tal-antifriża, id-diżidratur tal-arja, eċċ) bi ħsara esterna jew imsaddin iżżejjed tant li jaffettwaw ħażin lis-sistema tal-ibbrejkjar.<br><br>Prestazzjoni tal-ibbrejkjar affettwata | | X | <br><br>X |
| | (b) Tnixxija ta' arja jew tal-antifriża.<br><br>Funzjonalità tas-sistema affettwata | X | <br><br>X | |
| | (c) Kwalunkwe komponent li mhux sikur jew imwaħħal ħażin. | | X | |
| | (d) Tiswija jew modifika ħażina għal kwalunkwe komponent[8].<br><br>Prestazzjoni tal-ibbrejkjar affettwata | | X | <br><br>X |
| 1.1.22. Konnessjonijiet li jintużaw għall- | (a) Nieqsin. | | X | |

8 Tiswija jew modifika mhux xierqa tfisser tiswija jew modifika li taffettwa ħażin is-sikurezza tal-vettura fit-triq jew li jkollha effett negattiv fuq l-ambjent.

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | **Minuri** | **Maġġuri** | **Perikolużi** |
| ittestjar (meta mgħammra jew meħtieġa) | (b) Bil-ħsara<br><br>ma jistgħux jintużaw jew inixxu | X | <br><br>X | |
| 1.2. Prestazzjoni u effiċjenza tal-brejk ta' servizz | | | | |
| 1.2.1. Prestazzjoni | (a) Sforz ta' bbrejkjar inadegwat fuq rota waħda jew aktar.<br><br>L-ebda sforz ta' bbrejkjar fuq rota waħda jew iżjed | | X | <br><br>X |
| | (b) L-isforz ta' bbrejkjar minn kwalunkwe rota hija anqas minn 70% tal-ogħla sforz ta' bbrejkjar irreġistrat mir-rota l-oħra fuq l-istess fus. Jew fil-każ tal-ittestjar fit-triq, il-vettura tiddevja żżejjed minn linja dritta.<br>L-isforz ta' bbrejkjar minn kwalunkwe rota tkun inqas minn 50% tal-ogħla sforz ta' bbrejkjar irreġistrat mir-rota l-oħra fuq l-istess fus. | | X | <br><br><br><br>X |
| | (c) L-ebda varjazzjoni gradwali tal-isforz ta' bbrejkjar (qbid). | | X | |
| | (d) Dewmien anormali fit-tħaddim tal-brejk ta' kwalunkwe rota. | | X | |
| | (e) L-isforz tal-brejkijiet ivarja wisq fil-perjodu li fih ir-rota ddur dawra sħiħa. | | X | |
| 1.2.2. Effiċjenza | Ma tagħtix mill-inqas iċ-ċifra minima kif ġej:-<br>Vetturi rreġistrati l-ewwel darba wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2010/48/UE:<br>– Kategorija N1: 50 %<br>– Kategorija M1: 58 %<br>– Kategorija M2 u M3: 50 %<br>– Kategorija N2 u N3: 50 %<br>– Kategorija O2 (XX)[3], O3 u O4<br>• għas-semitrejlers: 45%<br>• għat-trejlers draw-bar: 50%<br><br>Vetturi rreġistrati l-ewwel darba wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2010/48/UE:<br>Kategorija N1: 45%<br>Kategorija M1, M2 u M3: 50% [9]<br>Kategorija N2 u N3: 43% [10]<br>Kategorija O2 (XX)[3], O3 u O4 40% [11]<br>Kategoriji oħra (XX)[3],.<br>- Kategoriji L (iż-żewġ brejkijiet):<br>Kategorija L1e: 42 %<br>Kategorija L2e, L6e: 40 %<br>Kategorija L3e: 50 %<br>Kategorija L4e: 46 %<br>Kategorija L5e, L7e: 44 %<br>- Kategoriji L (brejk tar-rota ta' wara): il-kategoriji kollha: 25 %<br><br>Inqas minn 50 % tal-valuri ta' hawn fuq milħuqa fir-rigward tal-massa tal-vettura waqt l-ittestjar | | X | X |
| 1.3. Il-prestazzjoni u l-effiċjenza tal-brejkijiet sekondarji (ta' emerġenza) (jekk issodisfati minn sistema separata) | | | | |

[9] 48% għal vetturi mhux mgħammra bl-ABS jew tip approvat qabel l-1 ta' Ottubru 1991.

[10] 45% għal vetturi rreġistrati wara l-1988 jew mid-data speċifikata fir-rekwiżiti liema waħda minnhom tkun l-aħħar.

[11] 43% għal semitrejlers u trejlers draw-bar reġistrati wara l-1988 jew id-data fir-rekwiżiti, skont liema waħda hija l-iktar riċenti.

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
| 1.3.1. Prestazzjoni | (a) Sforz ta' bbrejkjar inadegwat fuq rota waħda jew aktar. | | X | |
| | L-ebda sforz ta' bbrejkjar fuq rota waħda jew iżjed | | | X |
| | (b) L-isforz ta' bbrejkjar minn kwalunkwe rota hija anqas minn 70% tal-ogħla sforz ta' bbrejkjar irreġistrat minn rota oħra li tkun fuq l-istess fus speċifikat. Jew fil-każ tal-ittestjar fit-triq, il-vettura tiddevja żżejjed minn linja dritta. | | X | |
| | L-isforz ta' bbrejkjar minn kwalunkwe rota tkun inqas minn 50% tal-ogħla sforz ta' bbrejkjar irreġistrat mir-rota l-oħra fuq l-istess fus. | | | X |
| | (c) L-ebda varjazzjoni gradwali tal-isforz ta' bbrejkjar (qbid). | | X | |
| 1.3.2. Effiċjenza | L-isforz ta' bbrejkar huwa inqas minn 50 %[12] tal-prestazzjoni tal-brejk ta' servizz iddefinita fit-taqsima 1.2.2. fir-rigward tal-massa massima awtorizzata jew, fil-każ ta' semitrejlers, is-somma tat-tagħbijiet awtorizzati fuq il-fus. (ħlief L1e u L3e) . | | X | |
| | Inqas minn 50 % tal-valuri ta' hawn fuq milħuqa fir-rigward tal-massa tal-vettura waqt l-ittestjar | | | X |
| 1.4. Prestazzjoni u l-effiċjenza tal-brejk tal-ipparkjar | | | | |
| 1.4.1. Prestazzjoni | Il-brejk ma jaħdimx fuq naħa waħda jew fil-każ ta’ ttestjar fit-triq, il-vettura tiddevja żżejjed minn linja dritta. | | X | |
| | Inqas minn 50 % tal-valuri ta' effiċjenza milħuqa fir-rigward tal-massa tal-vettura waqt l-ittestjar | | | X |
| 1.4.2. Effiċjenza | Għall-kategoriji kollha tal-vettura, ma tagħtix mill-inqas 16 % bħala proporzjon tal-brejkijiet fir-rigward tal-massa massima awtorizzata, jew, għal vetturi bil-mutur, 12% fir-rigward tal-massa massima awtorizzata tal-kombinazzjoni tal-vettura, skont liema tkun l-ikbar (ħlief L1e u L3e) . | | X | |
| | Inqas minn 50 % tal-valuri ta' hawn fuq milħuqa fir-rigward tal-massa tal-vettura waqt l-ittestjar | | | X |
| 1.5. Prestazzjoni tas-sistema ta’ bbrejkjar ta’ reżistenza (Endurance Braking System) | (a) L-effiċjenza ma tvarjax b’mod gradwali (mhux applikabbli għal sistemi tal-ibbrejkjar bl-egżost). | | X | |
| | (b) Is-sistema ma taħdimx. | | X | |
| 1.6. Sistema ta’ brejkijiet antilokk (ABS) | (a) L-apparat ta' twissija ma jaħdimx sewwa. | | X | |
| | (b) L-apparat ta' twissija juri funzjonament ħażin fis-sistema. | | X | |
| | (c) Is-sensers tal-ispid tar-roti neqsin jew bil-ħsara. | | X | |
| | (d) Ħsara fis-sistema tal-wajering. | | X | |
| | (e) Komponenti oħra neqsin jew bil-ħsara. | | X | |
| 1.7 Sistema ta’ brejkijiet elettroniċi (EBS) | (a) L-apparat ta' twissija ma jaħdimx sewwa. | | X | |
| | (b) L-apparat ta' twissija juri funzjonament ħażin fis-sistema. | | X | |

12 2.2m/s² għal vetturi N1, N2 u N3.

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
| 1.8 Fluwidu tal-brejk | (a) Temperatura ta' meta jbaqbaq il-fluwidu tal-brejk baxxa wisq jew kontenut tal-ilma għoli wisq<br>Temperatura ta' meta jbaqbaq il-fluwidu < 180 C jew kontenut tal-ilma > 1,5 %<br>Temperatura ta' meta jbaqbaq il-fluwidu < 150 C jew kontenut tal-ilma > 2,0% | X | X | |
| | (b) Fluwidu tal-brejk kontaminat<br>Riskju imminenti ta' falliment | | X | X |
| | (c) Fluwidu tal-brejk mhux suffiċjenti (taħt il-marka MIN iżda aktar minn 50 % tal-kapaċità tal-kompartiment)<br>Fluwidu tal-brejk mhux suffiċjenti (taħt il-marka MIN iżda inqas minn 50 % tal-kapaċità tal-kompartiment)<br>L-ebda fluwidu tal-brejk viżibbli | X | X | X |
| **2. STERING** | | | | |
| 2.1. Kundizzjoni mekkanika | | | | |
| 2.1.1. Kundizzjoni tal-ger tal-istering | (a) Guffaġni fil-funzjonament tal-ger. | | X | |
| | (b) Ix-xaft tas-settur mgħawweġ jew biċ-ċwievet mikula.<br>Funzjonalità affettwata | | X | X |
| | (c) Ix-xaft tas-settur ittiekel wisq.<br>Funzjonalità affettwata | | X | X |
| | (d) Ċaqliq eċċessiv tax-xaft tas-settur.<br>Funzjonalità affettwata | | X | X |
| | (e) Tnixxi.<br>Formazzjoni ta' qtar | X | X | |
| 2.1.2. Tqabbid tal-kaxxa tal-gerboks tal-istering | (a) Il-kaxxa tal-istering mhux imqabbad sew.<br>Aktar minn 50 % tal-aċċessorji laxki jew ċaqliq relattiv għax-xażi/karrozzerija viżibbli | | X | X |
| | (b) Toqob ta' tqabbid fix-xażi mtawlin.<br>Aktar minn 50 % tal-aċċessorji affettwati | | X | X |
| | (c) Boltijiet tat-tqabbid neqsin jew miksura.<br>Aktar minn 50 % tal-aċċessorji affettwati | | X | X |
| | (d) Il-kaxxa tal-istering imxaqqaq.<br>Stabbilità jew twaħħil tal-kaxxa affettwati | | X | X |
| 2.1.3. Kundizzjoni tal-konnessjoni tal-istering | (a) Ċaqliq relattiv bejn komponenti li għandhom ikunu fissi.<br>Ċaqliq eċċessiv jew probabbiltà ta' skonnessjoni | | X | X |

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
| | | | | |
| | (b) Il-ġonot ittieklu żżejjed.<br>Probabbiltà ta' skonnessjoni | | X | <br>X |
| | (c) Ksur jew deformazzjoni ta' xi komponent.<br>Funzjonalità affettwata | | X | <br>X |
| | (d) Nuqqas ta' apparati li jimblukkaw. | | X | |
| | (e) Allinjament ħażin tal-komponenti (eż. il-virga ta' agganċ jew il-virga ta' direzzjoni ). | | X | |
| | (f) Tiswija jew modifika ħażina.<br>Funzjonalità affettwata | | X | <br>X |
| | (g) L-għatu ta' protezzjoni mit-trab bil-ħsara jew iddeterjora<br>L-għatu ta' protezzjoni mit-trab nieqes jew iddeterjora ħafna. | X | <br>X | |
| 2.1.4. Tħaddim tal-konnessjoni tal-istering | (a) Iċ-ċaqliq tal-konnessjoni tal-istering jaħbat ma' xi parti fissa tax-xażi. | | X | |
| | (b) Waqfiet tal-istering li ma jaħdmux jew li huma nieqsa. | | X | |
| 2.1.5. Power stering | (a) Tnixxija ta' fluwidu.<br>Funzjonalità affettwata | | X | <br>X |
| | (b) Fluwidu insuffiċjenti. (taħt il-marka MIN iżda iktar minn 50 %<br>tal-kapaċità tal-kompartiment taħt il-marka MIN<br>Taħt il-50 % tal-kapaċità tal-kompartiment taħt il-marka MIN | X | <br><br>X | |
| | (c) Il-mekkaniżmu ma jaħdimx.<br>Stering affettwat | | X | <br>X |
| | (d) Il-mekkaniżmu miksur jew mhux marbut sewwa.<br>Stering affettwat | | X | <br>X |
| | (e) Komponenti allinjati ħażin jew jaħbtu ma' xulxin.<br>Stering affettwat | | X | <br>X |
| | (f) Tiswija jew modifika ħażina.<br>Stering affettwat | | X | <br>X |
| | (g) Kejbils/pajpijiet bil-ħsara, imsadda żżejjed.<br>Stering affettwat | | X | <br>X |
| 2.2. Stering, kolonna u tmun tal-istering | | | | |
| 2.2.1. Kundizzjoni tar-rota/tat-tmun tal-istering | (a) Ċaqliq relattiv bejn l-istering u l-kolonna li jindika laxkezza. | | X | |
| | (b) Nuqqas ta' apparat li jżomm fuq il-buttun tal-istering.<br>Probabbiltà ta' skonnessjoni | | X | <br>X |

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
| | (c) Ksur jew laxkezza fil-buttun tal-istering, ir-rimm jew l-imgħażel.<br><br>Probabbiltà ta' skonnessjoni | | X | <br><br>X |
| 2.2.2.Kolonna/yokes u frieket tal-istering | (a) Ċaqliq eċċessiv taċ-ċentru tal-istering 'il fuq u 'l isfel. | | X | |
| | (b) Ċaqliq eċċessiv tal-parti ta' fuq tal-kolonna b'mod radjali mill-assi tal-kolonna. | | X | |
| | (c) Agganċ flessibbli deterjorat. | | X | |
| | (d) It-twaħħil difettuż.<br><br>Probabbiltà ta' skonnessjoni | | X | <br><br>X |
| | (e) Tiswija jew modifika ħażina. | | | X |
| 2.3. Laxkezza tal-istering | Laxkezza eċċessiva fl-istering (pereżempju ċaqliq ta' punt fuq ir-rimm li huwa aktar minn għoxrin fil-mija tad-dijametru tal-istering jew mhux skont ir-rekwiżiti[1]<br><br>Sikurezza tal-istering affettwata | | X | <br><br>X |
| 2.4. Allinjament tar-roti (X)[2]. | L-allinjament mhuwiex skont id-dejta pprovduta mill-manifattur tal-vettura jew ir-rekwiżiti[1].<br><br>Sewqan dritt affettwat; stabbiltà direzzjonali mdgħajfa | X | <br><br>X | |
| 2.5. Wiċċ tond idur tal-fus ikkwartjat tat-trejler | (a) Komponent kemxjen bil-ħsara.<br><br>Komponent b'ħafna ħsara jew imxaqqaq ħafna. | | X | <br><br>X |
| | (b) Laxkezza eċċessiva.<br><br>Sewqan dritt affettwat; stabbiltà direzzjonali mdgħajfa | | X | <br><br>X |
| | (c) Twaħħil difettuż (inqas minn 50 % tal-fittings lakxi)<br><br>Twaħħil difettuż (aktar minn 50 % tal-fittings lakxi) | | X | <br><br>X |
| 2.6. Power Stering Elettroniku (EPS) | (a) Id-dawl li jindika funzjonament ħażin (MIL) tal-EPS jindika xi tip ta' falliment tas-sistema. | | X | |
| | (b) Inkonsistenza bejn l-angolu tal-istering u l-angolu tar-roti.<br><br>Stering affettwat | | X | <br><br>X |
| | (c) l-assistenza tal-magna ma taħdimx. | | X | |
| **3. VIŻIBBILTÀ** | | | | |
| 3.1. Kamp viżiv | Ostruzzjoni fil-kamp viżiv tas-sewwieq li taffettwa materjalment il-veduta tiegħu fuq quddiem u fil-ġnub. (barra mill-erja ta' tindif mill-wajpers tal-windskrin)<br><br>L-erja ta' tindif mill-wajpers tal-windskrin affettwata jew il-mirja ta' barra mhux viżibbli | X | <br><br>X | |

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
| 3.2. Kundizzjoni tal-ħġieġ | (a) Ħġieġ jew panil trasparenti (jekk permess) imxaqqaq jew li tilef il-lewn. (barra mill-erja ta' tindif mill-wajpers tal-windskrin) | X | | |
| | L-erja ta' tindif mill-wajpers tal-windskrin affettwata jew il-mirja ta' barra mhux viżibbli | | X | |
| | (b) Ħġieġ jew panil trasparenti (fosthom tertuqa li tirrifletti jew imlewna) li ma jikkonformax mal-ispeċifikazzjonijiet fir-rekwiżiti[1] (XX)[3], (barra mill-erja ta' tindif mill-wajpers tal-windskrin) | X | | |
| | L-erja ta' tindif mill-wajpers tal-windskrin affettwata jew il-mirja ta' barra mhux viżibbli | | X | |
| | (c) Ħġieġ jew panil trasparenti f'kundizzjoni mhux aċċettabbli. | | X | |
| | Viżibbiltà mill-erja ta' tindif mill-wajpers tal-windskrin affettwata ħafna | | | X |
| 3.3. Mirja jew apparati li juru wara | (a) Il-mera jew l-apparat huwa nieqes jew mhux imwaħħal skont ir-rekwiżiti[1]. (tal-inqas żewġ possibbiltajiet disponibbli għall-viżjoni ta' wara) | X | | |
| | Inqas minn żewġ possibbiltajiet disponibbli għall-viżjoni ta' wara | | X | |
| | (b) Il-mera jew l-apparat kemxjen bil-ħsara jew laxki. | X | | |
| | Il-mera jew l-apparat ma jaħdmux, bil-ħsara, laxk ijew mhux imwaħħlin sew. | | X | |
| 3.4. Wajpers tal-windskrin | (a) Il-wajpers ma jaħdmux jew neqsin. | | X | |
| | (b) Il-blejd tal-wajper difettuż. | X | | |
| | Il-blejd tal-wajper huwa nieqes jew ċar li difettuż. | | X | |
| 3.5. Tagħmir ta' ħasil tal-windskrin | Tagħmir ta' ħasil ma jaħdimx sew (nuqqas ta' fluwidu tal-ħasil iżda l-pompa qed taħdem jew il-ġet tal-ilma mhux allinjat tajjeb | X | | |
| | Tagħmir tal-ħasil ma jaħdimx sew | | X | |
| 3.6 Sistema ta' tneħħija tat-titpin (X)[2] | Is-sistema ma taħdimx jew hija ċara li difettuża. | X | | |
| **4. FANALI, RIFLETTURI U TAGĦMIR ELETTRIKU** | | | | |
| 4.1. Fanali ta' quddiem | | | | |
| 4.1.1. Kundizzjoni u tħaddim | (a) Dawl/sors tad-dawl difettuż jew nieqes (dwal/sorsi tad-dawl multipli; fil-każ tal-LED aktar minn 1/3 jiffunzjonaw) | X | | |
| | Dawl uniku/sorsi tad-dawl uniku fil-każ tal-LED aktar minn 2/3 jiffunzjonaw | | X | |
| | (b) Sistema ta' projezzjoni kemxejn difettuża jew nieqsa (riflettur jew lenti). | X | | |
| | Sistema ta' projezzjoni difettuża ħafna jew nieqsa (riflettur jew lenti). | | X | |
| | (c) Il-fanal mhux imqabbad sew. | | X | |
| 4.1.2. Allinjament | Il-mira ta' fanal ta' quddiem mhix fil-limiti stipulati fir-rekwiżiti[1].. | | X | |
| 4.1.3. Attivazzjoni | (a) Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti[1] (Għadd ta' fanali jixgħelu fl-istess ħin) | X | | |
| | Tinqabeż l-intensità massima permessa ta' dawl 'il quddiem | | X | |

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
| | (b) Funzjoni mdgħajfa tal-apparat ta' kontroll. | | X | |
| 4.1.4. Konformità mar-rekwiżiti[(1)] | (a) Il-fanal, il-kulur emess, il-pożizzjoni jew l-intensità mhumiex skont ir-rekwiżiti[(1)]. | | X | |
| | (b) Prodotti fuq il-lenti jew fuq is-sors tad-dawl li jidher ċar li jnaqqsu l-intensità tad-dawl jew ibiddlu l-kulur emess | | X | |
| | (c) Is-sors tad-dawl u l-fanal mhumiex kompatibbli. | | X | |
| 4.1.5. Strument ta' livellar (fejn obbligatorju) | (a) L-apparat ma jaħdimx. | | X | |
| | (b) L-apparat manwali ma jistax jitħaddem mis-sit tax-xufier. | | X | |
| 4.1.6. Apparat li jnaddaf il-fanali ta' quddiem (fejn obbligatorju) | L-apparat ma jaħdimx. | X | | |
| | Fil-każ ta' fanali bi skariku ta' gass | | X | |
| 4.2. Dwal ta' pożizzjoni ta' quddiem u ta' wara, dwal laterali u dwal li jimmarkaw il-linja ta' barra | | | | |
| 4.2.1. Kundizzjoni u tħaddim | (a) Is-sors tad-dawl difettuż. | | X | |
| | (b) Il-lenti difettuża. | | X | |
| | (c) Il-fanal mhux imqabbad sew. | X | | |
| | Probabbiltà li jaqgħu. | | X | |
| 4.2.2. Attivazzjoni | (a) Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti[(1)]. | X | | |
| | Id-dwal ta' pożizzjoni ta' wara u d-dwal laterali jistgħu jintfew meta huma mixgħula l-fanali ta' quddiem | | X | |
| | (b) Funzjoni mdgħajfa tal-apparat ta' kontroll. | | X | |
| 4.2.3. Konformità mar-rekwiżiti[(1)] | (a) Il-fanal, il-kulur emess, il-pożizzjoni jew l-intensità mhumiex skont ir-rekwiżiti[(1)]. | X | | |
| | Il-dawl aħmar 'il quddiem jew id-dawl abjad lura; intensità tad-dawl imnaqqsa ħafna | | X | |
| | (b) Prodotti fuq il-lenti jew fuq is-sors tad-dawl li jnaqqsu l-intensità tad-dawl jew ibiddlu l-kulur emess. | X | | |
| | Il-dawl aħmar 'il quddiem jew id-dawl abjad lura; intensità tad-dawl imnaqqsa ħafna | | X | |
| 4.3. Fanali ta' waqfien | | | | |
| 4.3.1. Kundizzjoni u tħaddim | (a) Sors tad-dawl difettuż (sors ta' daw multiplu fil-każ tal-LED aktar minn 1/3 jiffunzjona) | X | | |
| | Sorsi ta' dawl uniku; fil-każ tal-LED aktar minn 2/3 jiffunzjonaw | | X | |
| | Is-sorsi kollha tad-dawl huma difettużi | | | X |
| | (b) Lenti kemxejn difettuża (l-ebda influwenza fuq id-dawl emess). | X | | |
| | Lenti difettuża ħafna (dawl emess affettwat). | | X | |

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
| | (c) Il-fanal mhux imqabbad sew.<br>Probabbiltà li jaqgħu. | X | <br>X | |
| 4.3.2. Attivazzjoni | (a) Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti[1].<br>Tħaddim imdewwem (deċelerazzjoni ta' aktar minn 2,5$m/s^2$ jinxtegħlu d-dawl tal-ibbrejkjar)<br>L-ebda tħaddim | X | <br>X | <br><br>X |
| | (b) Funzjoni mdgħajfa tal-apparat ta' kontroll. | | X | |
| 4.3.3. Konformità mar-rekwiżiti[1] | Il-fanal, il-kulur emess, il-pożizzjoni jew l-intensità mhumiex skont ir-rekwiżiti[1].<br>Id-dawl abjad lura; intensità tad-dawl imnaqqsa ħafna | X | <br>X | |
| 4.4. Indikatur tad-direzzjoni u dawl ta' twissija ta' periklu | | | | |
| 4.4.1. Kundizzjoni u tħaddim | (a) Is-sors tad-dawl difettuż. (is-sors ta' dawl multiplu fil-każ tal-LED; aktar minn 1/3 jiffunzjona)<br>Sorsi ta' dawl uniku; fil-każ tal-LED aktar minn 2/3 jiffunzjonaw | X | <br>X | |
| | (b) lenti kemxjen difettuża. (l-ebda influwenza fuq id-dawl emmess)<br>Lenti difettuża ħafna (dawl emess affettwat). | X | <br>X | |
| | (c) Il-mezz ta' tidwil mhuwiex imqabbad sew.<br>Probabbiltà li jaqgħu. | X | <br>X | |
| 4.4.2. Attivazzjoni | Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti[1].<br>L-ebda tħaddim | X | <br>X | |
| 4.4.3. Konformità mar-rekwiżiti[1] | Il-mezz ta' tidwil, il-kulur emess, il-pożizzjoni jew l-intensità mhumiex skont ir-rekwiżiti[1].<br>Dawl emess għajr dak ambra | X | <br>X | |
| 4.4.4. Frekwenza tat-teptip | Ir-rata tat-teptip mhijiex skont ir-rekwiżiti[1] (frekwenza li tiddevja aktar minn 25 %)<br>Frekwenza tiddevja b'aktar minn 50 %. | X | <br>X | |
| 4.5. Fanali kontra ċ-ċpar ta' quddiem u ta' wara | | | | |
| 4.5.1. Kundizzjoni u tħaddim | (a) Is-sors tad-dawl difettuż. (is-sors ta' dawl multiplu fil-każ tal-LED; aktar minn 1/3 jiffunzjona)<br>Sorsi ta' dawl uniku; fil-każ tal-LED aktar minn 2/3 jiffunzjonaw | X | <br>X | |
| | (b) Lenti kemxjen difettuża. (l-ebda influwenza fuq id-dawl emmess)<br>Lenti difettuża ħafna (dawl emess affettwat). | X | <br>X | |
| | (c) Il-fanal mhux imqabbad sew.<br>Probabbiltà li jaqa' jew jgħammex it-traffiku li ġej kontra l-vettura | X | <br>X | |
| 4.5.2 Allinjament (X)[2] | Il-fanal kontra ċ-ċpar ta' quddiem jinsab barra l-allinjament orizzontali meta fid-disinn tad-dawl ikun hemm linja ta' qtugħ.<br>Il-linja tal-qtugħ ogħla minn dik għall-fanali ta' quddiem | X | <br>X | |
| 4.5.3. Attivazzjoni | Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti[1].<br>Ma jaħdimx | X | <br>X | |

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
| 4.5.4. Konformità mar-rekwiżiti[1] | (a) Il-fanal, il-kulur emess, il-pożizzjoni jew l-intensità mhumiex skont ir-rekwiżiti[1]. | | X | |
| | (b) Is-sistema ma taħdimx skont ir-rekwiżiti[1]. | | X | |
| 4.6. Fanali tar-riversjar | | | | |
| 4.6.1. Kundizzjoni u tħaddim | (a) Is-sors tad-dawl difettuż. | X | | |
| | (b) Il-lenti difettuża. | X | | |
| | Il-fanal mhux imqabbad sew. | X | | |
| | Probabbiltà li jaqa'. | | X | |
| 4.6.2. Konformità mar-rekwiżiti[1] | (a) Il-fanal, il-kulur emess, il-pożizzjoni jew l-intensità mhumiex skont ir-rekwiżiti[1]. | | X | |
| | (b) Is-sistema ma taħdimx skont ir-rekwiżiti[1]. | | X | |
| 4.6.3. Attivazzjoni | Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti[1]. | X | | |
| | Il-fanal tar-riversjar jista' jinxtegħel bil-ger mhux fil-pożizzjoni ta' rivers. | | X | |
| 4.7. Dawl tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara | | | | |
| 4.7.1. Kundizzjoni u tħaddim | (a) Dawl mixħut direttament lura. | X | | |
| | Dawl abjad emess direttament lura | | X | |
| | (b) Sors tad-dawl difettuż, sors tad-dawl multiplu | X | | |
| | Sors tad-dawl difettuż, sors tad-dawl uniku | | X | |
| | Il-mezz ta' tidwil mhux imqabbad sew. | X | | |
| | Probabbiltà li jaqa'. | | X | |
| 4.7.2. Konformità mar-rekwiżiti[1] | Is-sistema ma taħdimx skont ir-rekwiżiti[1]. | X | | |
| 4.8. Retroriffletturi, immarkar tal-konspikwità (retroriflessjoni) u pjanċi li jimmarkaw wara | | | | |
| 4.8.1. Kundizzjoni | (a) It-tagħmir li jirrifletti huwa difettuż jew bil-ħsara. | X | | |
| | Riflessjoni affettwata | | X | |
| | (b) Ir-riflettur mhux imqabbad sew. | X | | |
| | Probabbiltà li jaqa'. | | X | |
| 4.8.2. Konformità mar-rekwiżiti[1] | L-istrumentapparat, il-kulur rifless jew il-pożizzjoni mhumiex skont ir-rekwiżiti[1]. | X | | |
| | Nuqqas jew riflessjoni ta' kulur aħmar 'il quddiem jew abjad fuq il-ġenb | | X | |
| 4.9. Indikaturi obbligatorji għat-tagħmir tad-dawl | | | | |
| 4.9.1. Kundizzjoni u tħaddim | Ma jaħdmux. | X | | |
| | Ma jaħdmux għar-raġġ għas-sewqan tal-fanal ta' quddiem jew il-fanal kontra ċ-ċpar ta' wara | | X | |
| 4.9.2. Konformità | Mhux skont ir-rekwiżiti.[1]. | X | | |

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
| mar-rekwiżiti[1] | | | | |
| 4.10. Konnessjonijiet elettriċi bejn il-vettura tal-irmonk u t-trejler jew is-semitrejler | (a) Il-komponenti fissi mhumiex imqabbda sew.<br>Sokit laxk | X | <br>X | |
| | (b) Insulazzjoni bil-ħsara jew iddeterjorata.<br>Probabbiltà li tikkaġuna xort. | X | <br>X | |
| | (c) Il-konnessjonijiet elettriċi tal-karru jew tal-vettura tal-irmonk ma jaħdmux sew.<br>Affettwata s-sistema tal-ibbrejkjar tat-trejler; dwal ta' bbrejkjar ma jaħdmux. | | X | <br>X |
| 4.11. Wajering elettriku | (a) Il-wajering mhux sikur jew mhux marbut sew.<br>Fittings laxki, imissu ma' truf li jaqtgħu, konnetturi x'aktarx skonnessi<br>Il-wajering x'aktar imiss partijiet sħan, partijiet iduru jew l-art, konnetturi skonnessi (partijiet rilevanti għall-ibrejkjar, l-istering) | X | <br>X | <br><br>X |
| | (b) Il-wajering kemxejn iddeterjora.<br>Il-wajering iddeterjora ħafna<br>Wajering estremament iddeterjora (partijiet rilevanti għall-ibbrejkjar, l-istering) | X | <br>X | <br><br>X |
| | (c) Insulazzjoni bil-ħsara jew iddeterjorata.<br>Probabbiltà li tikkaġuna xort.<br>Riskju imminenti ta' nar, formazzjoni ta' sparks | X | <br>X | <br><br>X |
| 4.12. Fanali u retroriflettturi mhux obbligatorji (X)[2] | (a) Fanal/retroriflettur mhux imwaħħal skont ir-rekwiżiti[1].<br>Jemetti dawl aħmar 'il quddiem jew dawl abjad lura | X | <br>X | |
| | (b) Tħaddim tal-fanal mhux skont ir-rekwiżiti[1].<br>L-għadd ta' fanali ta' quddiem li jaħdmu simultanjament jissuperaw l-intensità tad-dawl permessa; Jemettu dawl aħmar 'il quddiem jew dawl abjad lura | X | <br>X | |
| | (c) Il-fanal/retroriflettur mhux imwaħħal sew.<br>Probabbiltà li jaqgħu. | X | <br>X | |
| 4.13. Batterija/i | (a) Mhux sikuri.<br>Mhux imwaħħla sew; Probabbiltà li tikkaġuna xort. | X | <br>X | |
| | (b) Tnixxi.<br>Telf ta' sustanzi perikolużi | X | <br>X | |
| | (c) Swiċċ difettuż (jekk meħtieġ). | | X | |
| | (d) Fjusijiet difettużi (jekk meħtieġa). | | X | |
| | (e) ventilazzjoni inadegwata (jekk meħtieġa). | | X | |

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
| **5. FUSIJIET, ROTI, TAJERS U SOSPENSJONI** | | | | |
| 5.1. Fusijiet | | | | |
| 5.1.1. Fusijiet | (a) Fus imxaqqaq jew sfurmat. | | | X |
| | (b) Mhux imwaħħal sew mal-vettura. | | X | |
| | Ċaqliq relattivament laxk max-xażi/mal-karrozzerija | | | X |
| | (c) Tiswija jew modifika ħażina. | | X | |
| | Stabbiltà mdgħajfa, funzjonalità affettwata, spazju insuffiċjenti fir-rigward ta' partijiet oħra tal-vettura jew l-art | | | X |
| 5.1.2. Fus stub | (a) Fus stub imxaqqaq. | | | X |
| | (b) Il-pern u/jew il-buxxis ittieklu żżejjed. | | X | |
| | Probabbiltà li jillaxkaw; stabbiltà direzzjonali mdgħajfa | | | X |
| | (c) Ċaqliq eċċessiv bejn il-fus stub u t-travu tal-fus . | | X | |
| | Probabbiltà li jillaxkaw; stabbiltà direzzjonali mdgħajfa | | | X |
| | Il-pin tal-fus stub laxk fil-fus. | | X | |
| | Probabbiltà li jillaxkaw; stabbiltà direzzjonali mdgħajfa | | | X |
| 5.1.3. Berings tar-rota | (a) Laxkezza eċċessiva f'bering tar-rota. | | X | |
| | stabbiltà direzzjonali mdgħajfa; periklu ta' distruzzjoni | | | X |
| | (b) Il-bering tar-rota ssikkat iżżejjed, iġġammjat. | | X | |
| | Perkli ta' tisħin żejjed; periklu ta' distruzzjoni | | | X |
| 5.2. Roti u tajers | | | | |
| 5.2.1. Buttun tar-roti tat-triq | (a) Xi skorfini tar-rota jew pernijiet nieqsa jew laxki(<3,5t: mill-inqas jifdal 4 distribwiti simmetrikament; >3,5t. mill-inqas jifdal 75 %, distribwiti simmetrikament) . | | X | |
| | Aktar minn 25 % tal-iskorfini jew pernijiet nieqsin jew lakxi. | | | X |
| | (b) Il-buttun mittiekel jew bil-ħsara. | | X | |
| | Il-buttun mittiekel jew bil-ħsara b'tali mod li huwa affettwat l-iffittjar sikur tar-roti | | | X |
| 5.2.2. Roti | (a) Kwalunkwe ksur jew difett fil-weldjar. | | | X |
| | (b) Iċ-ċrieki li jżommu t-tajers mhux imwaħħla sew. | | X | |
| | Probabbiltà li jinqalgħu | | | X |
| | (c) Ir-rota mgħawġa ħafna jew mittiekla. | | X | |
| | Affettwat l-iffittjar sikur mal-buttun; affettwat l-iffittjar sikur tat-tajer | | | X |
| | (d) Id-daqs jew it-tip tar-rota mhumiex skont ir-rekwiżiti[1] u jaffettwaw is-sikurezza fit-triq. | | X | |

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
| 5.2.3. Tajers | (a) Id-daqs tat-tajers, il-kapaċità ta' tagħbija, il-marka tal-approvazzjoni jew il-klassifikazzjoni tal-ispid mhumiex skont ir-rekwiżiti[(1)] u jaffettwaw is-sikurezza fit-triq. | | X | |
| | Kapaċità ta' tagħbija jew klassifikazzjoni tal-ispid insuffiċjenti għall-użu attwali, it-tajer imiss ma' partijiet fissi oħra tal-vettura u b'hekk jiġi mdgħajjef is-sewqan sikur | | | X |
| | (b) It-tajers fuq l-istess fus jew fuq roti doppji ta' daqsijiet differenti. | | X | |
| | (c) It-tajers fuq l-istess fus huma ta' kostruzzjoni differenti (radjali/djagonali). | | X | |
| | (d) Kwalunkwe ħsara jew qtugħ serju fit-tajer. | | X | |
| | Kejbil viżibbli jew bil-ħsara | | | X |
| | (e) Il-ħxuna tat-tajer mhix skont ir-rekwiżiti[(1)]. | | X | |
| | Anqas minn 80 % tal-ħxuna tat-tajer meħtieġa | | | X |
| | (f) It-tajer iħokk ma' komponenti oħra (apparati flessibbli kontra t-titjir). | X | | |
| | It-tajer iħokk ma' komponenti oħra (is-sewqan sikur mhux imdgħajjef) | | X | |
| | (g) Tajers rikundizzjonati mhux skont ir-rekwiżiti[(1)]. | | X | |
| | Affettwat is-saff ta' protezzjoni tal-kejbil | | | X |
| | (h) Funzjonament ħażin tas-sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tal-arja | X | | |
| | Jidher ċar li ma taħdimx. | | X | |
| 5.3. Sistema tas-sospensjoni | | | | |
| 5.3.1. Molol u stabbilizzatur | (a) Il-molol mhumiex imqabbdin sew max-xażi jew mal-fus. | | X | |
| | Ċaqliq relattiv viżibbli; iktar minn 50 % tal-fittings laxki | | | X |
| | (b) Komponent tal-molol bil-ħsara jew imxaqqaq. | | X | |
| | Affettwati l-molla ewlenija ( -folja), jew aktar minn 50 % tal-folji addizzjonali | | | X |
| | (c) molla nieqsa. | | X | |
| | Affettwati l-molla ewlenija ( -folja), jew aktar minn 50 % tal-folji addizzjonali | | | X |
| | (d) Tiswija jew modifika ħażina. | | X | |
| | Spazju insuffiċjenti fir-rigward tal-parijiet l-oħra; sistema tal-molol ma taħdimx | | | X |

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
| 5.3.2. Assorbituri tal-iskossi | (a) L-assorbituri tal-iskossi mhumiex imqabbdin sew max-xażi jew mal-fus. | X | | |
| | L-assorbitur tal-iskossi laxk | | X | |
| | (b) Assorbitur tal-iskossi bil-ħsara li juri sinjali ta' tnixxija jew funzjonament ħażin severi. | | X | |
| 5.3.2.1 testjar tal-effiċjenza jew ammortizzar | (a) differenza sinifikanti bejn ix-xellug u l-lemin. | | X | |
| | (b) il-valuri minimi mogħtija ma ntlaħqux. | | X | |
| 5.3.3. Tubi torque, vireg ta' radju, frieket tas-sospensjoni u brazzi tas-sospensjoni | (a) Komponent mhux imqabbad sew max-xażi jew mal-fus. | | X | |
| | Probabbiltà li jillaxkaw; stabbiltà direzzjonali mdgħajfa | | | X |
| | (b) Komponent bil-ħsara jew imsaddad ħafna. | | X | |
| | Stabbiltà ta' komponent affettwat jew komponent maqsum | | | X |
| | (c) Tiswija jew modifika ħażina. | | X | |
| | Spazju insuffiċjenti fir-rigward tal-parijiet l-oħra; sistema ma taħdimx | | | X |
| 5.3.4. Ġonot tas-sospensjoni | (a) Il-pern u/jew il-buxxis jew il-ġonot tas-sospensjoni ittieklu wisq. | | X | |
| | Probabbiltà li jillaxkaw; stabbiltà direzzjonali mdgħajfa | | | X |
| | (b) Għatu ta' protezzjoni mit-trab iddeterjorat ħafna. | X | | |
| | Għatu ta' protezz kontra t-trab nieqes jew maqsum | | X | |
| 5.3.5. Sospensjoni tal-arja | (a) Is-sistema ma tistax titħaddem. | | | X |
| | (b) Xi komponent bil-ħsara, modifikat jew deterjorat b'mod li jaffettwa ħażin il-funzjonament tas-sistema. | | X | |
| | Affettwat serjament il-funzjonament tas-sistema | | | X |
| | (c) tnixxija fis-sistema li tinstema' . | | X | |
| **6. XAŻI U AĊĊESSORJI TAX-XAŻI** | | | | |
| 6.1. Xażi jew qafas u aċċessorji | | | | |
| 6.1.1. Kundizzjoni ġenerali | (a) Ksur jew deformazzjoni ħfief ta' xi naħa jew tal-membru trasversali. | | X | |
| | Ksur jew deformazzjoni serji ta' xi naħa jew tal-membru trasversali. | | | X |
| | (b) Il-pjanċi jew l-issikkar tat-tisħiħ mhumiex sikuri (< 50 %). | | X | |
| | Issikar laxk (>50 %); saħħa insuffiċjenti tal-partijiet | | | X |
| | (c) Sadid eċċessiv li jaffettwa r-riġidità tal-assemblaġġ. | | X | |
| | saħħa insuffiċjenti tal-partijiet | | | X |
| 6.1.2. Pajpijiet tal-egżost u s-sajlensers | (a) Sistema tal-egżost mhux sikura jew li tnixxi. | | X | |

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
| | (b) Dħaħen li jidħlu fil-kabina jew fil-kompartiment tal-passiġġieri.<br><br>Periklu għas-saħħa tal-persuni abbord | | X | <br>X |
| 6.1.3. Tank tal-fjuwil u l-pajpijiet (inkluż it-tank tal-fjuwil u l-pajpijiet tat-tisħin) | (a) Tank jew pajpijiet mhux sikuri.<br><br>Riskju ta' nar | | X | <br><br>X |
| | (b) Fjuwil inixxi jew tapp tal-filler nieqes jew mhux effettiv.<br><br>Riskju ta' nar telf eċċessiv ta' materjal ta' periklu | | X | <br><br>X |
| | (c) Pajipjijiet mittiekla<br><br>Pajpijiet bil-ħsara | X | <br><br>X | |
| | (d) Il-vit tal-fjuwil (jekk meħtieġ) ma jaħdimx sew. | | X | |
| | (e) Riskju ta' ħruq minħabba:<br>tnixxija ta' fjuwil<br>tank tal-fjuwil jew l-egżost mhux protetti sew<br>il-kundizzjoni tal-kompartiment tal-magna. | | | X |
| | (f) Is-sistema tal-LPG/CNG jew tal-idroġenu mhix skont ir-rekwiżiti[(1)].<br><br>Kwalunkwe parti tas-sistema difettuża | | X | <br><br>X |
| 6.1.4. Bampers, apparati ta' protezzjoni laterali u tal-qiegħ fuq wara | (a) Probabbiltà li l-laxkezza jew il-ħsara tikkaġuna korriment meta xi ħaġa jew xi ħadd iħokk magħha jew imissha.<br><br>Probabbiltà li jaqgħu l-partijiet, affettwata ħafna l-funzjonalità | | X | <br><br>X |
| | (b) Jidher ċar li l-apparat mhux skont ir-rekwiżiti[(1)]. | | X | |
| 6.1.5. Sostenn tal-istepni (jekk imwaħħal) | (a) is-sostenn mhux f'kundizzjoni tajba. | X | | |
| | (b) Is-sostenn imxaqqaq jew mhux sikur. | | X | |
| | (c) Stepni mhux imwaħħal sew fis-sostenn<br><br>probabbiltà li jaqa'. | | X | <br><br>X |
| 6.1.6. Mekkaniżmi ta' agganċ u tagħmir tal-irmunkar | (a) Komponent bil-ħsara, difettuż jew imxaqqaq (jekk mhux qed jintuża).<br><br>Komponent bil-ħsara, difettuż jew imxaqqaq (jekk qed jintuża). | | X | <br><br>X |
| | (b) Komponent mittiekel iżżejjed.<br><br>Taħt il-limitu tal-użu | | X | <br><br>X |
| | (c) It-twaħħil difettuż.<br><br>Kwalunkwe twaħħil laxk | | X | <br><br>X |

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
| | (d) Kwalunkwe apparat tas-sikurezza nieqes jew mhux jaħdem sew. | | X | |
| | (e) Kwalunkwe indikatur li mhux qed jaħdem. | | X | |
| | (f) Ostruzzjoni għall-pjanċa tar-reġistrazzjoni jew kwalunkwe dawl (meta ma jkunux qed jintużaw).<br>Il-pjanċa tar-reġistrazzjoni ma tinqarax (meta ma tkunx qed tintuża) | X | <br>X | |
| | (g) Tiswija jew modifika ħażina (partijiet sekondarji)<br>Tiswija jew modifika ħażina (partijiet primarji) | | X | <br>X |
| 6.1.7. Trażmissjoni | (a) Boltijiet li torbot bihom laxki jew nieqsa (<30 %).<br>Boltijiet li torbot bihom laxki jew nieqsa (>30 %).. | | X | <br>X |
| | (b) Il-berings tax-xaft tat-trażmissjoni ttieklu żżejjed.<br>Probabbiltà li jillaxkaw jew jixxaqqu | | X | <br>X |
| | (c) Il-ġonot universali ttieklu żżejjed.<br>Probabbiltà li jillaxkaw jew jinqasmu | | X | <br>X |
| | (d) Agganċ flessibbli ddeterjorat.<br>Probabbiltà li jillaxkaw jew jixxaqqu | | X | <br>X |
| | (e) Xaft bil-ħsara jew mgħawweġ. | | X | |
| | (f) Il-qafas tal-berings imxaqqaq jew mhux sikur.<br>Probabbiltà li jillaxka jew jixxaqqaq | | X | <br>X |
| | (g) Għatu ta' protezzjoni mit-trab iddeterjora ħafna.<br>Għatu ta' protezzjoni kontra t-trab nieqes jew imxaqqaq | X | <br>X | |
| | (h) Modifika illegali tal-power-train. | | X | |
| 6.1.8. Immuntar tal-magna | Iddeterjora, jidher ċar li bil-ħsara,<br>immuntar laxk jew imxaqqaq. | | X | <br>X |
| 6.1.9 Prestazzjoni tal-magna | (a) L-unità ta’ kontroll modifikata b’mod illegali. | | X | |
| | (b) Modifika illegali fil-magna. | | X | |
| 6.2. Kabina u karrozzerija | | | | |
| 6.2.1. Kundizzjoni | (a) Probabbiltà li panil jew parti laxk(a) jew bil-ħsara jikkaġunaw korriment<br>Probabbiltà li jaqgħu. | | X | <br>X |
| | (b) Il-pilastru tal-bodi mhux sikur.<br>Stabbiltà mdgħajfa | | X | <br>X |
| | (c) Tippermetti d-dħul ta’ dħaħen tal-magna jew tal-egżost.<br>Periklu għas-saħħa tal-persuni abbord | | X | <br>X |
| | (d) Tiswija jew modifika ħażina.<br>Spazju insuffiċjenti fir-rigward tal-partijiet iduru jew jiċaqalqu u t-triq | | X | <br>X |

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Minuri | Maġġuri | Perikoluži |
| 6.2.2. Immuntar | (a) Il-bodi jew il-kabina mhumiex sikuri. | | X | |
| | Stabbiltà affettwata | | | X |
| | (b) Jidher ċar li l-bodi/kabina mhux pożizzjonati b'mod kwadrat fuq ix-xażi. | | X | |
| | (c) Twaħħil mhux sikur jew nieqes tal-bodi/kabina max-xażi jew il-membri trasversali. (< 50 % u jekk simmetriku) | | X | |
| | Twaħħil mhux sikur jew nieqes tal-bodi/kabina max-xażi jew il-membri trasversali.(> 50 %) | | | X |
| | (d) Sadid eċċessiv f'punti ta' twaħħil fuq korpi integrali. | | X | |
| | Stabbiltà affettwata | | | X |
| 6.2.3. Bibien u molol tal-bibien | (a) Bieba ma tinfetaħx jew ma tingħalaqx sew. | | X | |
| | (b) Probabbiltà li bieba tinfetaħ għal għarrieda jew li ma tibqax magħluqa (bibien jislajdjaw). | | X | |
| | Probabbiltà li bieba tinfetaħ għal għarrieda jew li ma tibqax magħluqa (bibien li jduru). | | | X |
| | (c) Bibien, ċappetti, molol jew pillastru ddeterjorati. | X | | |
| | Il-bieba, iċ-ċappetti, il-molol jew il-pilastru neqsin jew laxki. | | X | |
| 6.2.4. Art | L-art mhux sikura jew ddeterjorata b'mod eċċessiv. | | X | |
| | Stabbiltà insuffiċjenti | | | X |
| 6.2.5. Sit tax-xufier | (a) Sit bi struttura difettuża | | X | |
| | Sit laxk jew | | | X |
| | (b) Il-mekkanizmu ta' aġġustament ma jaħdimx sewwa. | | X | |
| | Sit jiċċaqlaq jew id-dahar ma jistax jitwaħħal | | | X |
| 6.2.6. Sits oħrajn | (a) Is-sits f'kundizzjoni difettuża jew mhux sikuri (partijiet sekondarji) | X | | |
| | Is-sits f'kundizzjoni difettuża jew mhux sikuri (partijiet ewlenin) | | X | |
| | (b) Is-sits mhux imwaħħla skont ir-rekwiżiti[(1)]. | X | | |
| | Għadd permess ta' sits issuperat; il-pożizzjonament mhux f'konformità mal-approvazzjoni | | X | |
| 6.2.7. Kontrolli tas-sewqan | Kwalunkwe kontroll neċessarju għat-tħaddim sikur tal-vettura li ma jkunx qed jaħdem kif suppost. | | X | |
| | Tħaddim sikur affettwat | | | X |
| 6.2.8. Turġien tal-kabina | (a) It-targa jew ċirku tat-targa mhux sikuri | X | | |
| | Stabbiltà insuffiċjenti | | X | |
| | (b) It-targa jew iċ-ċirku f'kundizzjoni fejn hemm probabbiltà li jikkaġunaw korriment lil min jużahom. | | X | |
| 6.2.9. Fittings u tagħmir intern u estern ieħor | (a) Twaħħil difettuż ta' fitting jew tagħmir ieħor | | X | |
| | (b) Fitting jew tagħmir ieħor mhux skont ir-rekwiżiti[(1)]. | X | | |
| | Probabbiltà li l-partijiet imwaħħla jikkaġunaw korrimenti; tħaddim sikur affettwat | | X | |
| | (c) Tagħmir idrawliku jnixxi. | X | | |
| | Telf estensiv ta' materjal ta' periklu | | X | |

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
| 6.2.10. Madgards (wings), apparati ta' trażżin tat-titjir | (a) Nieqsin, laxki jew imsaddin ħafna. | X | | |
| | Probabbiltà li jikkaġunaw korrimenti; probabbiltà li jaqgħu. | | X | |
| | (b) Spazju insuffiċjenti għar-rota tat-triq. (trażżin tat-titjir) | X | | |
| | Spazju insuffiċjenti għar-rota tat-triq (madgards). | | X | |
| | (c) Mhux skont ir-rekwiżiti(1). | X | | |
| | Kopertura insuffiċjenti tal-faxxa tat-tajer | | X | |
| **7. TAGĦMIR IEĦOR** | | | | |
| 7.1. Ċinturini tas-sikurezza/bokkli u sistemi ta' rbit | | | | |
| 7.1.1. Sikurezza tal-immuntar taċ-ċinturini tas-sikurezza/tal-bokkli | (a) Il-punt ta' ankraġġ iddeterjora ħafna | | X | |
| | Stabbiltà affettwata | | | X |
| | (b) Ankraġġ laxk. | | | X |
| 7.1.2. Kundizzjoni taċ-ċintorini tas-sikurezza/bokkli | (a) Iċ-ċintorin obbligatorju tas-sikurezza huwa nieqes jew mhux imwaħħal. | | X | |
| | (b) Iċ-ċintorin tas-sikurezza huwa bil-ħsara. | X | | |
| | Kwalunkwe qtugħ jew sinjal ta' tiġbid żejjed | | X | |
| | (c) Iċ-ċintorin tas-sikurezza mhux skont ir-rekwiżiti(1). | | X | |
| | (d) Il-bokkla taċ-ċintorin tas-sikurezza hija bil-ħsara jew ma taħdimx sew. | | X | |
| | (e) Ir-retrattur taċ-ċintorin tas-sikurezza huwa bil-ħsara jew ma jaħdimx sewwa. | | X | |
| 7.1.3. Limitatur tat-tagħbija taċ-ċintorin tas-sikurezza | Jidher ċar li l-limitatur tat-tagħbija huwa nieqes jew mhux adatt għall-vettura. | | X | |
| 7.1.4. Pretensjonaturi taċ-ċintorin tas-sikurezza | Jidher ċar li l-pretensjonaturi huma neqsin jew mhux adatti mal-vettura. | | X | |
| 7.1.5. Erbeg | (a) Jidher ċar li l-erbeg huwa nieqes jew mhux adatt għall-vettura. | | X | |
| | (b) Jidher ċar li l-erbeg ma jaħdimx | | X | |
| 7.1.6. Sistemi SRS | L-MIL tal-SRS jindika xi tip ta' falliment tas-sistema. | | X | |
| 7.2. Apparat tat-tifi tan-nar (X)(2) | (a) Nieqes. | | X | |
| | (b) Mhux skont ir-rekwiżiti.(1). | X | | |
| | jekk meħtieġ (pereżempju taksis, xarabanks, kowċijiet, eċċ) | | X | |
| 7.3. Serraturi u apparat kontra s-serq | (a) L-apparat li jipprevjeni vettura milli tinsaq mhux qed jaħdem | X | | |
| | (b) Difettużi | | X | |
| | għeluq jew imblukkar għal għarrieda | | | X |
| 7.4. Trijangolu ta' | (a) Nieqes jew mhux komplut. | X | | |

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
| twissija (jekk meħtieġ)(X)[2] | | | | |
| | (b) Mhux skont ir-rekwiżiti[1]. | X | | |
| 7.5. Kit tal-ewwel għajnuna (jekk meħtieġ)(X)[2] | Nieqes, inkomplet jew mhux skont ir-rekwiżiti[1]. | X | | |
| 7.6. Riffieda tar-roti (ifilsa) (jekk meħtieġa) (X)[2] | Neqsin jew mhux f'kundizzjoni tajba. | X | | |
| | Stabbiltà jew dimensjoni insuffiċjenti | | X | |
| 7.7. Apparat ta' twissija li jinstema' | (a) Ma jaħdimx kif suppost | X | | |
| | Kompletament ma jaħdimx | | X | |
| | (b) Kontroll mhux sikur. | X | | |
| | (c) Mhux skont ir-rekwiżiti[1]. | X | | |
| | Ipproduċa ħoss li x'aktar jiġi mfixkel ma' dak ta' sireni uffiċjali | | X | |
| 7.8. Spidometru | (a) Mhux imwaħħal skont ir-rekwiżiti[1]. | X | | |
| | Nieqes jekk meħtieġ | | X | |
| | (b) tħaddim imdgħajjef | X | | |
| | Kompletament ma jaħdimx | | X | |
| | (c) Ma jistax ikun imdawwal biżżejjed. | X | | |
| | Kompletament hux imdawwal. | | X | |
| 7.9. Takografu (jekk imwaħħal/meħtieġ) | (a) Mhux imwaħħal skont ir-rekwiżiti[1]. | | X | |
| | (b) Ma jaħdimx. | | X | |
| | (c) Siġilli difettużi jew nieqsa. | | X | |
| | (d) Il-plakka tal-ikkalibrar nieqsa, ma tinqarax jew skaduta. | | X | |
| | (e) Tbagħbis jew manipulazzjoni evidenti. | | X | |
| | (f) Id-daqs tat-tajers mhux kompatibbli mal-parametri tal-ikkalibrar. | | X | |
| 7.10. Apparat li jillimita l-ispid (jekk imwaħħal/meħtieġ) | (a) Mhux imwaħħal skont ir-rekwiżiti[1]. | | X | |
| | (b) Jidher ċar li ma jaħdimx. | | X | |
| | (c) Spid issettjat ħażin (jekk iċċekkjat). | | X | |
| | (d) Siġilli difettużi jew nieqsa. | | X | |
| | (e) Il-plakka tal-ikkalibrar nieqsa, ma tinqarax jew skaduta. | | X | |
| | (f) Id-daqs tat-tajers mhux kompatibbli mal-parametri tal-ikkalibrar. | | X | |
| 7.11 Odometru jekk disponibbli | (a) Jidher ċar li manipulat (frodi) | | X | |

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | **Minuri** | **Maġġuri** | **Perikolużi** |
| | (b) jidher ċar li ma jaħdimx. | | X | |
| 7.12 Kontroll Elettroniku tal-Istabbiltà (ESC) jekk imwaħħal/meħtieġ | (a) Is-sensers tal-ispid tar-roti neqsin jew bil-ħsara. | | X | |
| | (b) Ħsara fil-wajering. | | X | |
| | (c) Komponenti oħra neqsin jew bil-ħsara. | | X | |
| | (d) Is-swiċċ bil-ħsara jew mhux jaħdem sew. | | X | |
| | (e) Il-MIL tal-ESC jindika xi tip ta' falliment tas-sistema. | | X | |
| **8. FASTIDJU** | | | | |
| 8.1. Storbju | | | | |
| 8.1.1 Sistema ta' trażżin tal-istorbju | (a) Livelli ta' storbju li jaqbżu dawk permessi fir-rekwiżiti[(1)]. | | X | |
| | (b) Kwalunkwe parti tas-sistema tat-trażżin tal-istorbju laxka, bil-ħsara, imwaħħla ħażin, nieqsa jew jidher ċar li ġiet modifikata b'mod li jaffettwa ħażin il-livelli tal-istorbju. | | X | |
| | Probabbiltà li taqa'. | | | X |
| 8.2. Emissjonijiet tal-egżost | | | | |
| 8.2.1 Emissjonijiet minn magni petrol | | | | |
| 8.2.1.1 Tagħmir tal-kontroll tal-emissjonijiet | (a) Tagħmir ta' kontroll tal-emissjonijiet imwaħħal mill-manifattur nieqes, immodifikat jew jidher ċar li difettuż. | | X | |
| | (b) Tnixxijiet li jaffettwaw il-kejl tal-emissjonijiet. | | X | |
| 8.2.1.2 Emissjonijiet gassużi | (a) Jew, l-emissjonijiet gassużi huma ogħla mil-livelli speċifiċi indikati mill-manifattur; | | X | |

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | **Minuri** | **Maġġuri** | **Perikolużi** |
| | (b) Jew, f'każ li din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, l-emissjonijiet ta' CO jkunu ogħla minn:<br>i) għal vetturi mhux ikkontrollati minn sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet avvanzata,<br>– 4.5%, jew<br>(1) 3.5%<br>skont id-data tal-ewwel reġistrazzjoni jew użu speċifikat fir-rekwiżiti(1).<br>ii) għal vetturi kkontrollati minn sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet avvanzata:<br>(2) bil-magna mhux ingranata: 0.5%<br>(3) bi spid għoli mingħajr ingranaġġ: 0.3%<br>jew<br>(4) bil-magna mhux ingranata: 0.3%[13]<br>(5) bi spid għoli mingħajr ingranaġġ: 0.2%<br>skont id-data tal-ewwel reġistrazzjoni jew użu speċifikat fir-rekwiżiti(1). | | X | |
| | (c) Il-valur Lambda huwa barra mill-medda 1±0.03 jew mhux skont l-ispeċifikazzjoni tal-manifattur. | | X | |
| | (d) Il-valur moqri mill-OBD jindika funzjonament ħażin sinifikanti. | | X | |
| 8.2.2 Emissjonijiet minn magni diżil | | | | |
| 8.2.2.1 Tagħmir li jikkontrolla l-emissjonijiet tal-egżost | (a) It-tagħmir li jikkontrolla l-emissjonijiet imwaħħal mill-manifattur nieqes jew jidher ċar li huwa difettuż. | | X | |
| | (b) Tnixxijiet li jaffettwaw il-kejl tal-emissjonijiet. | | X | |
| 8.2.2.2 Opaċità<br><br>Vetturi rreġistrati jew imdaħħla fis-servizz qabel l-1 ta' Jannar 1980 huma eżentati minn dan ir-rekwiżit. | (a) Għal vetturi rreġistrati jew imdaħħla fis-servizz għall-ewwel darba wara d-data speċifikata fir-rekwiżiti(1),<br>l-opaċità tkun aktar mil-livell reġistrat fuq il-pjanċa li l-manifattur iwaħħal mal-vettura. | | X | |
| | (b) Meta din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli jew ir-rekwiżiti(1) ma jippermettux l-użu ta' valuri ta' referenza,<br>għal magni b'respirazzjoni naturali: 2.5 $m^{-1}$ ,<br>għal magni bit-turbo: 3.0 $m^{-1}$ ,<br>jew, għal vetturi identifikati fir-rekwiżiti (1) jew irreġistrati jew imdaħħla fis-servizz għall-ewwel darba wara d-data speċifikata fir-rekwiżiti(1)<br>1.5 $m^{-1}$[14]. | | X | |
| 8.3 Trażżin tal-interferenza elettromanjetika | | | | |
| Interferenza mir-radju (X)(2) | Kwalunkwe rekwiżit mir-rekwiżiti (1) mhux issodisfat. | X | | |
| 8.4 Elementi oħra relatati mal-ambjent | | | | |
| 8.4.1 Tnixxijiet ta' fluwidu | Kwalunkwe tnixxija ta' fluwidu eċċessiva li tista' tagħmel ħsara lill-ambjent jew toħloq riskju tas-sikurezza għal utenti oħra tat-triq. | | X | |

[13] Tip approvat skont il-limiti fir-ringiela A jew B taqsima 5.3.1.4 tal-Anness I għad-Direttiva 70/220/EEC jew irreġistrat jew imdaħħal fis-servizz għall-ewwel darba wara l-1 ta' Lulju 2002

[14] Tip approvat skont il-limiti fir-ringiela B sezzjoni 5.3.1.4. tal-Anness I għad-Direttiva 70/220/KEE kif emendata bid-Direttiva 98/69/KE jew wara; ringiela B1, B2 jew C taqsima 6.2.1 tal-Anness I tad-Direttiva 88/77/KEE jew irreġistrat jew imdaħħal fis-servizz għall-ewwel darba wara l-1 ta' Lulju 2008.

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
| | formazzjoni konstanti ta' qtar | | | X |
| **9. TESTIJIET SUPPLIMENTARI GĦAL VETTURI LI JĠORRU L-PASSIĠĠIERI M2, M3** | | | | |
| 9.1. Bibien | | | | |
| 9.1.1 Bibien | (a) Tħaddim difettuż. | | X | |
| | (b) Kundizzjoni ddeterjorata.<br>Probabbiltà li tikkaġuna korrimenti; | X | <br>X | |
| | (c) Il-kontroll tal-emerġenza difettuż. | | X | |
| | (d) Kontroll mill-bogħod tal-bibien u tal-apparati ta' twissija difettuż . | | X | |
| | (e) Mhux skont ir-rekwiżiti.(1).<br>Wisa' tal-bieb insuffiċjenti | X | <br>X | |
| 9.1.2 Ħruġ ta' emerġenza | (a) Funzjonament difettuż. | | X | |
| | (b) Is-sinjali tal-ħruġ ta' emerġenza ma jistgħux jinqraw<br>Is-sinjali tal-ħruġ ta' emerġenza nieqsin | X | <br>X | |
| | (c) Il-martell biex tkisser il-ħġieġ nieqes. | | X | |
| | (d) Mhux skont ir-rekwiżiti(1).<br>Wisa' insuffiċjenti jew aċċess imblukkat | X | <br>X | |
| 9.2. Sistema tat-tneħħija tat-titpin u tas-silġ (X)(2) | (a) Mhux taħdem sew.<br>Taffettwa t-tħaddim sikur tal-vettura | X | <br>X | |
| | (b) Emissjoni ta' gassijiet tossiċi jew tal-egżost fil-kompartiment tax-xufier jew tal-passiġġieri.<br>Periklu għas-saħħa tal-persuni abbord | | X | <br>X |
| | (c) Sistema tat-tneħħija tas-silġ difettuża (jekk obbligatorja) | | X | |
| 9.3. Sistema ta' ventilazzjoni u tat-tisħin (X)(2) | (a) Tħaddim difettuż.<br>Periklu għas-saħħa tal-persuni abbord | X | <br>X | |
| | (b) Emissjoni ta' gassijiet tossiċi jew tal-egżost fil-kompartiment tax-xufier jew tal-passiġġieri.<br>Periklu għas-saħħa tal-persuni abbord | | X | <br>X |
| 9.4. Sits | | | | |
| 9.4.1 Sits tal-passiġġieri (inklużi s-sits għall-persunal ta' akkumpanjament) | (a) Is-sits f'kundizzjoni difettuża<br>Sits mhux sikuri | X | <br>X | |
| | (b) Is-sits li jintwew (jekk permessi) mhux jaħdmu b'mod awtomatiku.<br>jimblukkaw ħruġ ta' emerġenza | X | <br>X | |
| | (c) Mhux skont ir-rekwiżiti.(1).<br>L-għadd ta' sits jissupera l-ammont approvat | X | <br>X | |
| 9.4.2 Sit tax-xufier (rekwiżiti addizzjonali) | (a) Apparat speċjali bħal protezzjoni kontra d-dawl qawwi jew skrin antirifless li huwa difettuż.<br>kamp viżiv ostakolat: | X | <br>X | |
| | (b) Protezzjoni mhux sikura għax-xufier jew mhux skont ir-rekwiżiti(1) | X | | |

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
| | Probabbiltà li tikkaġuna korrimenti; | | X | |
| 9.5. Apparati tat-tidwil intern u tad-destinazzjoni (X)[2] | Apparat difettuż jew mhux skont ir-rekwiżiti[1]. | X | | |
| | Kompletament ma jaħdimx | | X | |
| 9.6. Passaġġi, spazji fejn toqgħod bilwieqfa | (a) Art mhux sikura | | X | |
| | Stabbiltà affettwata | | | X |
| | (b) Poġġamani jew imqabad difettużi. | X | | |
| | Mhux sikuri jew ma jistgħux jintużaw | | X | |
| | (c) Mhux skont ir-rekwiżiti.[1]. | X | | |
| | Wisa' jew spazju insuffiċjenti | | X | |
| 9.7. Turġien. | (a) Kundizzjoni ddeterjorata. | X | | |
| | kundizzjoni bil-ħsara | | X | |
| | stabbiltà affettwata | | | X |
| | (b) It-turġien li jingħalqu mhux jaħdmu sew. | | X | |
| | (c) Mhux skont ir-rekwiżiti[1]. | X | | |
| | Wisa' insuffiċjenti jew għoli eċċessiv | | X | |
| 9.8. Sistema ta' komunikazzjoni għall-passiġġieri (X)[2] | Sistema difettuża | X | | |
| | Kompletament ma taħdimx | | X | |
| 9.9. Avviżi (X)[2] | (a) Avviż nieqes, żbaljat jew ma jistax jinqara. | X | | |
| | (b) Mhux skont ir-rekwiżiti[1]. | X | | |
| | Informazzjoni falza | | X | |
| 9.10. Rekwiżiti rigward it-trasport tat-tfal. (X)[2] | | | | |
| 9.10.1 Bibien | Il-protezzjoni tal-bibien mhix skont ir-rekwiżiti[1] fir-rigward ta' din il-forma ta' trasport. | | X | |
| 9.10.2 Sinjalar u tagħmir speċjali | Sinjalar jew tagħmir speċjali nieqes jew mhux skont ir-rekwiżiti[1]. | X | | |
| | | | X | |
| 9.11. Rekwiżiti rigward it-trasport ta' persuni b'diżabilità (X)[2] | | | | |
| 9.11.1 Bibien, ir-rampi u l-liftijiet | (a) Tħaddim difettuż. | X | | |
| | Tħaddim sikur affettwat | | X | |
| | (b) Kundizzjoni ddeterjorata. | X | | |
| | Stabbiltà affettwata Probabbiltà li tikkaġuna korrimenti; | | X | |
| | (c) Kontroll(i) difettuż(i). | X | | |
| | Tħaddim sikur affettwat | | X | |
| | (d) Apparat(i) ta' twissija difettuż(i). | X | | |
| | Ma jaħdimx kompletament | | X | |
| | (e) Mhux skont ir-rekwiżiti.[1]. | | X | |
| 9.11.2 Fittings għas-siġġijiet bir-roti | (a) Tħaddim difettuż. | X | | |
| | Tħaddim sikur affettwat | | X | |
| | (b) Kundizzjoni ddeterjorata. | X | | |
| | Stabbiltà affettwata probabbiltà li tikkaġuna korrimenti; | | X | |

| Element | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
| | (c) Kontroll(i) difettuż(i).<br>Tħaddim sikur affettwat | X | <br>X | |
| | (d) Mhux skont ir-rekwiżiti.[(1)]. | | X | |
| 9.11.3 Sinjalar u tagħmir speċjali | Sinjalar jew tagħmir speċjali nieqes jew mhux skont ir-rekwiżiti[(1)]. | | X | |
| 9.12. Tagħmir speċjali ieħor (X)[(2)] | | | | |
| 9.12.1. Stallazzjonijiet għall-preparazzjoni tal-ikel | (a) L-istallazzjoni mhix skont ir-rekwiżiti[(1)]. | | X | |
| | (b) L-istallazzjoni hija bil-ħsara tant li jkun perikoluż li tużaha. | | X | |
| 9.12.2. Stallazzjoni sanitarja | L-istallazzjoni mhix skont ir-rekwiżiti.[(1)].<br>probabbiltà li tikkaġuna korrimenti; | X | <br>X | |
| 9.12.3 .Apparati oħra (eż. sistemi awdjoviżivi) | Mhux skont ir-rekwiżiti.[(1)].<br>Tħaddim sikur tal-vettura affettwat | X | <br>X | |

NOTI

(1) Ir-"rekwiżiti" huma stipulati skont ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip fid-data tal-approvazzjoni, l-ewwel reġistrazzjoni jew l-ewwel dħul fis-servizz kif ukoll l-obbligi ta' retrofitting jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-pajjiż tar-reġistrazzjoni.

(X) Tidentifika elementi relatati mal-kundizzjoni tal-vettura u l-adegwatezza tagħha għall-użu fit-triq iżda li mhumiex ikkunsidrati bħala essenzjali f'test tal-affidabbiltà stradali.

ANNESS IV

## KONTENUTI MINIMI TA' ĊERTIFIKAT TA' AFFIDABBILTÀ STRADALI

Iċ-ċertifikat ta' affidabbiltà stradali maħruġ wara test tal-affidabbiltà stradali għandu jkopri mill-inqas l-element li ġejjin

1) Numru ta’ identifikazzjoni tal-vettura (numru VIN)

2) Numru tal-pjanċa ta' reġistrazzjoni tal-vettura u simbolu tal-pajjiż tal-Istat ta' reġistazzjoni

3) Post u d-data tat-test

4) Qari tal-odometru fil-ħin tat-test jekk ikun disponibbli

5) Kategorija tal-vettura jekk disponibbli

6) Nuqqasijiet identifikati u l-kategorija tagħhom

7) Riżultati tal-kejl:

   – Temperatura ta' meta jbaqbaq il-fluwidu jew kontenut ta' ilma tal-fluwidu tal-brejk

   – Forzi tal-ibbrejkjar għal kull rota, pressjoni tal-arja ta' input fil-każ ta' sistema ta' bbrejkjar bl-arja u r-riżultati tal-kalkolu għall-effiċjenza tal-ibbrejkjar

   – Konċentrazzjoni tal-emissjonijiet gassużi u valur ë ikkalkulat tal-magni petrol jew valuri ta' opaċità tal-magni diżil

8) Valutazzjoni ġenerali tal-vettura

9) Data tat-test tal-affidabbiltà stradali li jmiss, jekk din l-informazzjoni ma tkunx ipprovduta b’mezzi oħra

10) Isem tal-organizzazzjoni jew ċentru li għamel it-test u l-firma u l-identifikazzjoni tal-ispettur responsabbli għat-test.

ANNESS V

# REKWIŻITI MINIMI LI JIKKONĊERNAW IL-FAĊILITAJIET TAL-AFFIDABBILTÀ STRADALI U T-TAGĦMIR TA' TESTJAR

## I - Faċilitajiet u Tagħmir

It-testijiet tal-affidabbiltà stradali għandhom jitwettqu bl-użu ta' faċilitajiet u tagħmir li jikkonformaw mill-inqas mar-rekwiżiti minimi li ġejjin:

1) Faċilità tat-testjar bi spazju adegwat għall-evalwazzjoni tal-vetturi u li tissodisfa r-rekwiżiti neċessarji mil-lat tas-saħħa u tas-sikurezza applikabbli għall-persunal ta' testjar;

2) Korsija ta' testjar ta' daqs suffiċjenti għal kull test, fossa jew lift mgħammar b'apparat biex itella' l-vettur fuq fus, mgħammar b'tidwil xieraq u, fejn meħtieġ, b'apparati ta' arjazzjoni;

3) Tester bir-romblu għall-brejkijiet kapaċi li jkejjel, juri u jirreġistra l-forzi tal-ibbrejkjar, il-forza tal-pedala u l-pressjoni tal-arja f'sistemi tal-ibbrejkjar bl-arja skont l-Anness A tal-istandard ISO 21069-1 fuq ir-rekwiżiti tekniċi tat-tester bir-romblu għall-brejkijiet;

4) Tester bir-romblu għall-brejkijiet skont il-punt 3, li ma jinkludix ir-reġistrazzjoni tal-forzi tal-ibbrejkjar, il-forza tal-pedala u l-pressjoni tal-arja f'sistemi tal-ibbrejkjar bl-arja u li lanqas jurihom;

5) Tester ta' pjanċa tal-ibbrejkjar ekwivalenti għal tester bir-romblu għall-brejkijiet skont il-punt 3, li ma jinkludix ir-reġistrazzjoni tal-forzi tal-ibbrejkjar, il-forza tal-pedala u l-pressjoni tal-arja f'sistemi tal-ibbrejkjar bl-arja

6) Strument ta' reġistrazzjoni tad-deċelerazzjoni, filwaqt li strumenti ta' kejl mhux kontinwi għandhom jirreġsitraw/jaħżnu kejl ta' mill-inqas 10 darbiet kull sekonda;

7) Faċilitajiet għall-itestjar ta' sistemi tal-ibbrejkjar bl-arja;

8) Apparat li jiddetermina t-tagħbijiet fuq il-fusijiet (faċilitajiet opzjonali għall-kejl ta' tagħbijiet fuq żewġ roti);

9) Apparat għall-ittestjar tas-sospensjoni tal-fus tar-rota (detettur tal-laxkezza tar-rota) mingħajr ma tintrefa' l-assi, li għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

   (a) L-apparat għandu jkun mgħammar mill-inqas b'żewġ pjanċi mħaddma li jistgħu jiġu mċaqalqa f'sens oppost kemm fid-direzzjonijiet lonġitudinali kif ukoll dawk trasversali;

   (b) Iċ-ċaqliq tal-pjanċi għandu jkun kontrollabbli mill-operatur mill-pożizzjoni tal-ittestjar;

   (c) Il-pjanċi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

   (i) għall-vetturi sa 3.5 tunnellati:

   – Tagħbija massima fuq il-fus ta' 2000 kg,

   – Tagħbija minima fuq il-fus ta' 1000 kg,

   – Forza orizzontali mimima għal kull pjanċa ta' 7000 N,

   – Ċaqliq lonġitudinali u trasversali ta' mill-inqas 40 mm,

– Spid ta' rfigħ 5 ċm/s sa 10 ċm/s;

(ii) għall-vetturi itqal minn 3.5 tunnellati

– Tagħbija massima fuq il-fus ta' 15 000 kg,

– Tagħbija minima fuq il-fus ta' 9 000 kg,

– Forza orizzontali mimima għal kull pjanċa ta' 30,000 N,

– Ċaqliq lonġitudinali u trasversali ta' mill-inqas 100 mm,

– Spid ta' rfigħ 5 ċm/s sa 10 ċm/s;

10) Apparat għall-ittestjar tal-effiċjenza tal-assorbitur tal-iskossi;

11) Miter tal-livell tal-ħoss ta' grad 1;

12) Analizzatur ta' 4 gassijiet skont id-Direttiva 2004/22/KE dwar l-istrumenti tal-kejl[15];

13) Apparat għall-kejl tal-koeffiċjent ta' assorbiment bi preċiżjoni suffiċjenti;

14) Apparat wieħed ta' mmirar tal-fanali ta' quddiem li jippermetti l-ittestjar tas-setting tal-fanali ta' quddiem skont id-dispożizzjonijiet għall-issettjar tal-fanali ta' quddiem tal-vetturi bil-mutur (Direttiva 76/756/KEE), il-limitu ta' distinzjoni bejn id-dawl u d-dlam għandu jkun faċilment rikonoxxibbli binhar (mingħajr dawl tax-xemx dirett);

15) Apparat ta' kejl tal-ħxuna tat-tajers;

16) Apparat għall-iċċekkjar tal-fluwidu tal-brejk, skont il-kriterji li ġejjin:

(a) apparat ta' testjar tal-fluwidu tal-brejk għall-ittestjar tal-kontenut tal-ilma huwa permess meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

– jista' jintwera mill-inqas kontenut ta' ilma ta' 1.0 % sa 2.5 %,

– il-valur imkejjel għandu jintwera f'gradazzjoni ta' mhux iktar minn 0.5 %

– l-apparat għandu jkun ikkalibrat, apparati ta' displej analogu b'aġġustament ta' żero biss huma permessi;

(b) Apparati tal-ittestjar tal-fluwidu tal-brejk biex jitkejjel il-punt meta jbaqbaq huma permessi meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

– erja ta' displej ta' mill-inqas 120°C sa 210°C,

– il-valur imkejjel għandu jintwera f'gradazzjoni ta' mhux iktar minn 30,

– l-apparat għandu jkun ikkalibrat, apparati ta' displej analogu b'aġġustament ta' żero biss huma permessi;

17) Għodda ta' analiżi OBD

L-apparati 12 u 13 jistgħu jiġu kkombinati f'apparat wieħed.

**II – Kalibrar tat-tagħmir użat għall-kejl**

Sakemm mhux speċifikat mod ieħor mil-leġiżlazzjoni Ewropea rilevanti, l-intervall bejn iż-żewġ kalibrazzjonijiet ma jistgħux jaqbżu

(i) 24 xahar għall-kejl tal-piż, pressjoni u livell tal-ħoss

(ii) 12-il xahar għall-kejl tal-forzi,

[15] ĠU L 135,30.4.2004, p.1.

(iii) 6 xhur għall-kejl tal-emissjonijiet tal-gass.

**Tagħmir meħtieġ għall-fini tat-twettiq ta' test tal-affidabbiltà stradali**

| **Vetturi** | | **Kategorija** | | **Tagħmir meħtieġ għal kull element elenkat fil-Paragrafu I** | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Massa massima | | | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 |
| 1. Muturi | | | [1] | | | | | [2] | | | | | | | | | | | | |
| | | L1e | P | x | | | | | | | | | | X | x | | x | x | x | x |
| | | L3e,L4e | P | x | | | | | | | | | | X | x | | x | x | x | x |
| | | L3e,L4e | D | x | | | | | | | | | | X | | x | x | x | x | x |
| | | L2e | P | x | x | | | | | | | | | X | | | x | x | x | x |
| | | L2e | D | x | x | | | | | | | | | X | | x | x | x | x | x |
| | | L5e | P | x | x | | | | | | | | x | X | x | | x | x | x | x |
| | | L5e | D | x | x | | | | | | | | | X | | x | x | x | x | x |
| | | L6e | P | x | x | | | | | | | | | X | | | x | x | x | x |
| | | L6e | D | x | x | | | | | | | | | X | | x | x | x | x | x |
| | | L7e | P | x | x | | | | | | | | x | X | x | | x | x | x | x |
| | | L7e | D | x | x | | | | | | | | | X | | x | x | x | x | x |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 2. Vetturi għall-ġarr tal-persuni | Sa 2800 kg | M1,M2 | P | x | x | | x | x | | | | | x | X | x | | x | x | x | x |
| | Sa 2800 kg | M1,M2 | D | x | x | | x | x | | | | | | X | | x | x | x | x | x |
| | › 2800 sa 3500 kg | M1,M2 | P | x | x | | x | x | | | | x | x | X | x | | x | x | x | x |
| | › 2800 sa 3500 kg | M1,M2 | D | x | x | | x | x | | | | x | | X | | x | x | x | x | x |
| | › 3500 kg | M2,M3 | P | x | x | x | | | x | x | x | x | | X | x | | x | x | x | x |
| | › 3500 kg | M2,M3 | D | x | x | x | | | x | x | x | x | | X | | x | x | x | x | x |
| Vetturi għall-ġarr tal-merkanzija | Sa 2800 kg | N1 | P | x | x | | x | x | | | | | x | X | x | | x | x | x | x |
| | Sa 2800 kg | N1 | D | x | x | | x | x | | | | | | X | | x | x | x | x | x |
| | › 2800 sa 3500 kg | N1 | P | x | x | | x | x | | | | x | x | X | x | | x | x | x | x |
| | › 2800 sa 3500 kg | N1 | D | x | x | | x | x | | | | x | | X | | x | x | x | x | x |
| | › 3500 kg | N2,N3 | P | x | x | x | | | x | x | x | x | | X | x | | x | x | x | x |
| | › 3500 kg | N2,N3 | D | x | x | x | | | x | x | x | x | | X | | x | x | x | x | x |

**Tagħmir meħtieġ għall-fini tat-twettiq ta' test tal-affidabbiltà stradali**

| **Vetturi** | Massa massima | **Kategorija** | | **Tagħmir meħtieġ għal kull element elenkat fil-Paragrafu I** 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Vetturi speċjali derivati minn vettura ta' kategorija N, T5 | Sa 2800 kg | N1 | P | x | x | | x | x | | | | | x | X | x | | x | x | x | x |
| | sa 2800 kg | N1 | D | x | x | | x | x | | | | | | X | | x | x | x | x | x |
| | › 2800 sa 3500 kg | N1 | P | x | x | | x | x | | | | x | x | X | x | | x | x | x | x |
| | › 2800 sa 3500 kg | N1 | D | x | x | | x | x | | | | x | | X | | x | x | x | x | x |
| | › 3500 kg | N2,N3, T5 | P | x | x | x | | | x | x | x | x | | X | x | | x | x | x | x |
| | › 3500 kg | N2,N3, T5 | D | x | x | x | | | x | x | x | x | | X | | x[3] | x | x | x | x |
| 3. Trejler | Sa 750 kg | O1 | | x | | | | | | | | | | | | | | x | | |
| | › 750 sa 3500 kg | O2 | | x | x | | x | | | | | | | | | | | x | | |
| | › 3500 kg | O3,O4, R3,R4 | | x | x | x | | | x | x | x | x | | | | | | x | | |
| | Sa 3500 kg | R1,R2 | | x | x | | x | | | | | | | | | | | x | | |
| 4. Tratturi agrikoli u vetturi sa 40 km/siegħa | Sa 3500 kg | T1,T2,T3, T4, C1,C2, C3,C4, C5 | P | x | x | | | | x | | | | | | | | x | x | x | x |
| | Sa 3500 kg | T1,T2,T3 T4, C1,C2, C3,C4, C5 | D | x | x | | | | x | | | | | | | | x | x | x | x |
| | › 3500 kg | T1,T2,T3, T4, C1,C2, C3,C4, C5 | P | x | x | | | | x | x | | | x | | | | x | x | x | x |

| Tagħmir meħtieġ għall-fini tat-twettiq ta' test tal-affidabbiltà stradali | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Vetturi** | | **Kategorija** | | **Tagħmir meħtieġ għal kull element elenkat fil-Paragrafu I** | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Massa massima | | | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 |
| | › 3500 kg | T1,T2, T3 T4, C1, C2, C3,C4, C5 | D | x | x | | | | x | x | | | | | | | x | x | x | x |

1) P…petrol ; D...Diżil

## ANNESS VI

## REKWIŻITI MINIMI LI JIKKONĊERNAW IL-KOMPETENZA, IT-TAĦRIĠ U Ċ-ĊERTIFIKAZZJONI TAL-ISPETTURI

### 1. Kompetenza

**Qabel jawtorizzaw applikant għall-pożizzjoni ta' spettur li jwettaq testijiet tal-affidabbiltà stradali, l-Istati Membri għandhom jivverifikaw li dik il-persuna:**

(a) għandha kwalifika li tiċċertifika l-għarfien u l-fehim relatat mal-inġinerija tal-vetturi fl-oqsma li ġejjin:

- Mekkanika
- Dinamika
- Dinamika tal-vettura
- Magni ta' kombustjoni
- Materjal u pproċessar tal-materjal
- Elettronika
- Elettriku
- Komponenti elettroniċi tal-vetturi
- Applikazzjonijiet tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni

(b) għandha mill-inqas tlett snin ta' esperjenza dokumentata fil-qasam tal-inġinerija, tiswija jew manutenzjoni tal-vetturi,

### 2. Taħriġ inizjali u ta' aġġornament.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispetturi jirċievu t-taħriġ inizjali u ta' aġġornament xieraq, inklużi elementi teoretiċi u prattiċi, qabel ma jiġu awtorizzati jwettqu t-testijiet tal-affidabbiltà stradali.

Il-kontenuti minimi tat-taħriġ inizjali u ta' aġġornament għandhom jinkludi t-temi li ġejjin:

(a) Taħriġ inizjali

It-taħriġ inizjali pprovdut mill-Istat Membru jew minn ċentru awtorizzat tat-taħriġ tal-Istat Membru għandu jinkludi mill-inqas it-temi li ġejjin:

(i) Teknoloġija tal-vettura:

– Sistemi tal-ibbrekjar

– Sistemi tal-istering

– Kampijiet viżivi,

– Stallazzjoni tad-dawl, tagħmir ta' tidwil u komponenti elettroniċi,

– Fusijiet, roti u tajers,

– Xażi u karrozzerija,

– Fastidju u emissjonijiet,

– Rekwiżiti addizjonali għal vetturi speċjali,

(ii) Metodi ta’ testjar

(iii) Valutazzjoni tan-nuqqasijiet

(iv) Rekwiżiti legali applikabbli fil-livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali dwar il-kundizzjoni tal-vettura għall-approvazzjoni;

(v) Rekwiżiti legali applikabbli fil-livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali relatati mal-ittestjar tal-affidabbiltà stradali;

(vi) Dispożizzjonijiet amministrattivi relatati mal-approvazzjoni, reġistrazzjoni u testjar tal-affidabbiltà stradali tal-vettura;

(vii) Applikazzjonijiet tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni relatati mal-ittestjar u l-amministrazzjoni.

(b) Taħriġ ta' aġġornament

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispetturi jsegwu kull taħriġ ta' aġġornament ipprovdut mill-Istat Membru jew minn ċentru awtorizzat tat-taħriġ tal-Istat Membru.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontenuti u t-taħriġ ta' aġġornament jippermettu li jinżammu u jiġu aġġornati l-għarfien u l-ħiliet neċessarji tal-ispetturi dwar it-temi msemmija fil-punt (a), (i) sa (vii) hawn fuq.

3. Ċertifikat ta' Kompetenza

Iċ-ċertifikat maħruġ lil spettur awtorizzat li jwettaq testijiet tal-affidabbiltà stradali għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja, aġġornata meta jkun xieraq:

- Identifikazzjoni tal-ispettur (isem, kunjom, data tat-twelid);
- Kategoriji tal-vetturi li għalihom l-ispettur huwa awtorizzat iwettaq testijiet tal-affidabbiltà stradali;
- Data tat-taħriġ ta' aġġornament li jmiss;
- Isem l-awtorità li toħroġ il-liċenzja;
- Id-data tal-ħruġ;

ANNESS VII

## KORPI TA' SUPERVIŻJONI

Ir-regoli u l-proċeduri li jikkonċernaw il-korpi ta' superviżjoni stabbiliti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 13 għandhom ikopru r-rekwiżiti minimi li ġejjin:

### 1. Kompiti u attivitajiet tal-korp ta' superviżjoni

Il-korpi ta' superviżjoni għandhom iwettqu mill-inqas l-kompiti li ġejjin:

(a) Awtorizzazzjoni taċ-ċentri ta' testjar:

- jiġi verifikat li ġew issodsfati r-rekwiżiti minimi għall-post u t-tagħmir ta' testjar;
- jiġu verifikati r-rekwiżiti obbligatorji tal-entità awtorizzata;
- tiġi ċċekkjata r-reputazzjoni tajba tal-maniġer u l-ispetturi taċ-ċentru ta' testjar.

(b) Taħriġ u eżami tal-ispetturi:

- jiġi verifikat it-taħriġ inizjali tal-ispetturi;
- jiġi verifikat it-taħriġ perjodiku ta' aġġornament tal-ispetturi;
- taħriġ tal-maniġers taċ-ċentru ta' testjar;
- taħriġ perjodiku ta' aġġornmanet tal-eżaminaturi tal-korp ta' supveriżjoni;
- twettiq jew superviżjoni ta' eżami.

(c) Awditjar:

- preawditjar taċ-ċentru ta' testjar qabel l-awtorizzazzjoni;
- awditjar perjodiku mill-ġdid ta' centru ta' testjar;
- awditjar speċjali fil-każ ta' irregolaritajiet;
- awditjar taċ-ċentru ta' taħriġ/eżami.

(d) Monitoraġġ, billi jintużaw mill-inqas ħamsa mill-miżuri li ġejjin:

- testjar mill-ġdid ta' proporzjon statistikament validu tal-vetturi ttestjati;
- spezzjonijiet fit-triq ta' proporzjon statistikament validu tal-flotta tal-vetturi;
- kontrolli permezz ta' myster shopper (użu ta' vettura difettuża mhux obbligatorja);
- analiżi tar-riżultati tat-testijiet tal-affidabbiltà stradali (metodi statistiċi);
- testijiet ta' appell;
- investigazzjoni tal-ilmenti.

(e) Validazzjoni tar-riżultati tal-kejl tat-testijiet tal-affidabbiltà stradali

(f) Irtirar jew sospensjoni tal-awtorizzazzjoni taċ-ċentri ta' testjar u/jew il-liċenzja tal-ispetturi:

- nuqqas f'rekwiżit sinifikanti ta' awtorizzazzjoni;
- individwati irregolaritajiet gravi;
- riżultati negattivi kontinwi fl-awditjar ;
- telf ta' reputazzjoni tajba.

2. **Rekwiżiti li jikkonċernaw il-korp ta' superviżjoni**

(a) Konformità mal-istandard ISO/IEC 17020 "Kriterji Ġenerali għat-tħaddim ta' tipi varji ta' korpi li jwettqu, l-ispezzjoni", tip A.

(b) Rekwiżiti applikabbli għall-persunal imħaddem minn korp ta' superviżjoni għandhom ikopru l-oqsma li ġejjin:

- kompetenza teknika;
- imparzjalità;
- standards għall-kwalifikazzjoni u t-taħriġ.

3. **Kontenuti tar-regoli u proċeduri**

Kull awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri li jikkonċernaw il-korpi ta' superviżjoni li għandhom jinkludu mill-inqas l-elementi li ġejjin:

(a) Rekwiżiti li jikkonċernaw l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni taċ-ċentri ta' testjar:

- applikazzjoni biex entità ssir ċentru ta' testjar;
- responsabbiltajiet taċ-ċentri ta' testjar;
- żjara, jew żjarat, ta' preawtorizzazzjoni biex jiġi verifikat li r-rekwiżiti kollha huma ssodisfati;
- awtorizzazzjoni ta' ċentru ta' testjar;
- testjar mill-ġdid/awditjar perjodiku taċ-centri ta' testjar;
- kontrolli perjodiċi taċ-ċentri ta' testjar għall-konformità kontinwa;
- kontrolli speċjali jew awditjar mhux imħabbra bbażati fuq l-evidenza taċ-ċentri ta' testjar;
- analiżi tad-dejta tat-testijiet għall-evidenza ta' nuqqas ta' konformità;
- irtirar jew sospensjoni ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija liċ-ċentri ta' testjar.

(b) Spetturi taċ-ċentri ta' testjar:

- rekwiżiti biex wieħed isir spettur;
- taħriġ inizjali u taħriġ ta' aġġornament u eżami;
- irtirar jew sospensjoni ta' ċertifikazzjoni tal-ispetturi.

(c) Tagħmir u post:

- rekwiżiti għat-tagħmir ta' testjar;
- rekwiżiti għall-post ta' testjar;
- rekwiżiti għas-sinjalar;
- rekwiżiti għall-manutenzjoni u l-ikkalibrar ta' tagħmir ta' testjar;
- rekwiżiti għas-sistemi kompjuterizzati.

(d) Korpi ta' superviżjoni:

- setgħat tal-korpi ta' superviżjoni;
- rekwiżiti għall-persunal ta' korpi ta' superviżjoni;

- appelli u lmenti.